Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0135

Il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Ġunju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom (COM(2023)0769 – C9-0443/2023 – 2023/0447(COD))[1]

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0104/2025).

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb huma koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***u*** jifformaw parti mill-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa ta' evidenza ta' funzjonament subottimali tas-suq intern għall-klieb u ***l-qtates*** fl-Unjoni kif ukoll ta' kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates ***imnissla*** u miżmuma fi stabbilimenti, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates ***fornuti fl-Unjoni***.	(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb***,*** huma koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***,*** jifformaw parti mill-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni ***u l-benesseri tagħhom jenħtieġ li jiġi protett***. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa ta' evidenza ta' funzjonament subottimali tas-suq intern għall-klieb u ***għall-qtates*** fl-Unjoni kif ukoll ta' kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, ***meta jitqiesu s-sejbiet fuq l-annimali, li jirrikonoxxu l-kapaċità tagħhom għall-emozzjonijiet, l-uġigħ u l-interazzjonijiet soċjali,*** huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates ***li jkunu mnissla*** u miżmuma fi stabbilimenti, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates ***li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni***.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar il-benesseri tal-Unjoni dwar it-tnissil, iż-żamma u t-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates, kif ukoll regoli nazzjonali diverġenti fejn jeżistu, ***spiss*** wasslu biex dawk l-annimali twieldu, tnisslu u nbigħu jew ġew adottati mingħajr ebda kost, f'ċirkostanzi li huma ta' detriment għall-benesseri tagħhom. Il-kompetizzjoni bejn nissiela tal-klieb u l-qtates kummerċjali fi Stati Membri differenti ma ssirx f'kundizzjonijiet ekwi minħabba li l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali huma wieħed mill-elementi ewlenin tal-kompetittività ta' dawn l-operaturi u jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. B'konsegwenza ta' dan, il-kompetizzjoni hija distorta, speċjalment għal nissiela u dawk li jżommu l-annimali ta' standards għoljin, li ma jistgħux jimmonetizzaw l-investimenti tagħhom fil-benesseri tal-annimali meta jikkummerċjalizzaw b'mod transfruntier minħabba li huma jiffaċċjaw operaturi li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali li ma jilħqux l-istandard biex jeżerċitaw il-kompetizzjoni u jnaqqsu l-prezzijiet u l-istandards.	(2) ***Il-klieb u l-qtates, bil-ħtiġijiet bijoloġiċi u tal-imġiba uniċi tagħhom stess, jiġu nnegozjati u miżmuma bħala annimali tad-dar fl-Unjoni.*** In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar il-benesseri tal-Unjoni dwar it-tnissil, iż-żamma u t-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates, kif ukoll regoli nazzjonali diverġenti fejn jeżistu, ***xi drabi*** wasslu biex dawk l-annimali twieldu, tnisslu u nbigħu jew ġew adottati mingħajr ebda kost, f'ċirkostanzi ***li jistgħu jkollhom konsegwenzi serji*** għall-benesseri tagħhom. Il-kompetizzjoni bejn nissiela tal-klieb u l-qtates kummerċjali fi Stati Membri differenti ma ssirx f'kundizzjonijiet ekwi minħabba li l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali huma wieħed mill-elementi ewlenin tal-kompetittività ta' dawn l-operaturi u jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. B'konsegwenza ta' dan, il-kompetizzjoni hija distorta, speċjalment għal nissiela u dawk li jżommu l-annimali ta' standards għoljin, li ma jistgħux jimmonetizzaw l-investimenti tagħhom fil-benesseri tal-annimali meta jikkummerċjalizzaw b'mod transfruntier minħabba li huma jiffaċċjaw operaturi li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali li ma jilħqux l-istandard biex jeżerċitaw il-kompetizzjoni u jnaqqsu l-prezzijiet u l-istandards.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Barra minn hekk, il-konsumaturi ma humiex protetti biżżejjed peress li spiss jiffaċċjaw, meta jakkwistaw kelb jew qattus, il-konsegwenzi negattivi tal-kundizzjonijiet ħżiena tal-benesseri li fihom l-annimali jkunu tnisslu u nżammu fl-istabbilimenti, bħal problemi tas-saħħa, problemi ta' mġiba jew difetti ġenetiċi tal-kelb jew tal-qattus mixtri jew akkwistat.	(3) Barra minn hekk, il-konsumaturi ma humiex protetti biżżejjed peress li spiss jiffaċċjaw, meta jakkwistaw kelb jew qattus, il-konsegwenzi negattivi tal-kundizzjonijiet ħżiena tal-benesseri li fihom l-annimali jkunu tnisslu u nżammu fl-istabbilimenti, bħal problemi tas-saħħa, problemi ta' mġiba jew difetti ġenetiċi tal-kelb jew tal-qattus mixtri jew akkwistat. ***Biex jiġu appoġġjati l-għażliet infurmati tal-konsumaturi u tiġi promossa l-konformità mar-regoli tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-pubbliku jiġi infurmat u li titqajjem kuxjenza dwar id-differenza bejn prattiki ta' tnissil responsabbli u dawk mhux konformi jew illegali.***

Emendi 280 u 307

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Filwaqt li diversi Stati Membri diġà introduċew listi pożittivi fil-livell nazzjonali biex jirregolaw is-sjieda privata tal-annimali, in-nuqqas ta' qafas komuni tal-Unjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-benesseri rigward it-tnissil, iż-żamma u t-tqegħid fis-suq ta' speċijiet ta' annimali tad-dar għajr il-klieb u l-qtates, kif ukoll ir-regoli nazzjonali diverġenti, iwasslu għal

	inkonsistenzi, lakuni fl-infurzar, konfużjoni għall-konsumaturi u, spiss, għal konsegwenzi serji għall-benesseri tal-annimali għal speċijiet li mhumiex adattati biex jinżammu bħala annimali tad-dar, kif ukoll għal riskji għall-bijodiversità, is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem u l-konservazzjoni tan-natura.

Emenda 308

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Kien hemm sejħiet preċedenti biex tiġi stabbilita lista bbażata fuq ix-xjenza madwar l-Unjoni ta' annimali li jkunu ġew ivvalutati bħala adattati biex jinżammu bħala annimali tad-dar, f'kundizzjonijiet xierqa ta' benesseri, mingħajr ma tiġi kkawżata ħsara lill-popolazzjonijiet fis-selvaġġ, u għalhekk lill-bijodiversità Ewropea, jew lis-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem. Meta jsir dan, huwa essenzjali li tiġi żgurata valutazzjoni tal-impatt fuq l-annimali, inklużi l-benesseri, l-imġiba, il-ħtiġijiet alimentari u l-kura veterinarja tagħhom, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet li jistgħu jikkawżaw tbatija bla bżonn, kundizzjonijiet tal-għajxien mhux xierqa jew ipperikolar tal-ispeċijiet.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jenħtieġ li tissaħħaħ biex jiġu identifikati stabbilimenti ta' tnissil illegali, jiżżarmaw networks assoċjati, u jiġi żgurat infurzar effettiv tar-regoli applikabbli. It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni transfruntiera, tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-ispezzjonijiet koordinati huwa essenzjali biex tiġi indirizzata n-natura tranżnazzjonali ta' ċerti attivitajiet illegali u biex jiġu protetti l-benesseri tal-annimali u l-interessi tal-konsumatur madwar l-Unjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) L-għadd ta' annimali tal-kumpanija fl-Unjoni żdied b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar snin, u dan jirrifletti r-rabta qawwija taċ-ċittadini tal-Unjoni mal-benesseri tal-klieb u tal-qtates. Fid-dawl tal-iżviluppi fix-xjenza tal-benesseri tal-annimali, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jiġu mħeġġa jippromwovu approċċ legali li jirrifletti mhux biss l-istatus tal-annimali bħala proprjetà, iżda wkoll ir-responsabbiltà etika tal-bnedmin lejn il-benesseri u l-protezzjoni tagħhom.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-kummerċ illegali tal-klieb u ***l-qtates*** żviluppa parzjalment minħabba n-nuqqas ta' traċċabbiltà ta' dawn l-annimali ***għall-ġriewi*** u ***l-frieħ oriġinali***. Min-naħa l-oħra, il-prattiki kummerċjali illegali huma assoċjati mat-tbatija tal-klieb u tal-qtates soġġetti għal prattiki ta' tnissil mhux ikkontrollati. Ma huwiex possibbli li jiġi żgurat li l-operaturi jirrispettaw l-istess standards tal-benesseri tal-annimali, u li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' kompetizzjoni fis-suq intern fir-rigward ***tal-forniment*** tal-klieb u ***l-qtates*** mingħajr mezzi affidabbli biex l-annimali jiġu ttraċċati sal-oriġini tagħhom. Għalhekk huwa kruċjali li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates permezz ta' sistema li tidentifika u tirreġistra l-klieb u l-qtates qabel l-ewwel ***forniment*** tagħhom ***fl-Unjoni*** kif ukoll kull darba li jkun hemm bidla fis-sjieda tal-annimali.	(6) Il-kummerċ illegali tal-klieb u ***tal-qtates*** żviluppa parzjalment minħabba n-nuqqas ta' traċċabbiltà ta' dawn l-annimali ***għall-boton oriġinali*** u ***l-entużjażmu tal-konsumaturi għal dawn l-annimali, iffaċilitat mill-iżvilupp tax-xiri online***. Min-naħa l-oħra, il-prattiki kummerċjali illegali huma assoċjati mat-tbatija tal-klieb u tal-qtates soġġetti għal prattiki ta' tnissil mhux ikkontrollati. Ma huwiex possibbli li jiġi żgurat li l-operaturi jirrispettaw l-istess standards tal-benesseri tal-annimali, u li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' kompetizzjoni fis-suq intern fir-rigward ***tat-tqegħid fis-suq*** tal-klieb u ***tal-qtates*** mingħajr mezzi affidabbli biex l-annimali jiġu ttraċċati sal-oriġini tagħhom. Għalhekk huwa kruċjali li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates permezz ta' sistema li tidentifika u tirreġistra l-klieb u l-qtates qabel l-ewwel ***tqegħid*** tagħhom ***fis-suq tal-Unjoni*** kif ukoll kull darba li jkun hemm bidla fis-sjieda tal-annimali.

Emenda 309

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(6a) Dan ir-Regolament jintroduċi reġistrazzjoni obbligatorja, kontrolli msaħħa fuq il-bejgħ online, u traċċabbiltà mtejba tal-klieb u l-qtates, b'perjodi ta' tranżizzjoni sa 10 snin sabiex l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu jħejju ruħhom. Jisħaq wkoll fuq l-importanza ta' standards madwar l-Unjoni għat-tnissil responsabbli biex jiġu evitati impatti detrimentali fuq is-saħħa u l-benesseri tal-klieb u l-qtates. Dan ir-Regolament jindirizza dawn il-kwistjonijiet billi jistabbilixxi rekwiżiti ċari ta' benesseri u jiżgura li l-prattiki tat-tnissil jirrispettaw l-ogħla standards.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-kummerċ illegali tal-qtates u ***l-klieb*** minn barra l-UE qed jiżdied. Ir-regoli attwali tal-UE dwar il-movimenti tal-klieb u ***l-qtates*** fl-UE, bħad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali, ma fihomx għodod suffiċjenti biex jiġi pprevenut dan il-kummerċ illegali. Dan ifisser li huma meħtieġa regoli addizzjonali għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-klieb u ***l-qtates***. Ir-regoli eżistenti dwar is-saħħa tal-annimali jirrikjedu li, kemm għall-moviment kummerċjali kif ukoll għal dak mhux kummerċjali tal-klieb u tal-qtates li jidħlu fl-	(7) Il-kummerċ illegali tal-qtates u ***tal-klieb*** minn barra l-UE qed jiżdied. Ir-regoli attwali tal-UE dwar il-movimenti tal-klieb u ***tal-qtates*** fl-UE, bħad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali, ma fihomx għodod suffiċjenti biex jiġi pprevenut dan il-kummerċ illegali. Dan ifisser li huma meħtieġa regoli addizzjonali għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-klieb u ***tal-qtates***. Ir-regoli eżistenti dwar is-saħħa tal-annimali jirrikjedu li, kemm għall-moviment kummerċjali kif ukoll għal dak mhux kummerċjali tal-klieb u tal-qtates li jidħlu fl-

Unjoni, l-annimali jridu jkunu identifikati b’mikroċippa. Sabiex jissaħħu dawn id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà, is-sidien ***tal-klieb*** u ***l-qtates*** li jidħlu fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-reġistrazzjoni tagħhom f’waħda mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fil-post tad-destinazzjoni. Dan se jipprevedi ***għal*** kontroll akbar fuq il-movimenti ta’ dawk l-annimali.	Unjoni, l-annimali jridu jkunu identifikati b’mikroċippa. Sabiex jissaħħu dawn id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà, is-sidien ***jew il-persuni responsabbli għall-klieb*** u ***għall-qtates*** li jidħlu fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-reġistrazzjoni tagħhom f’waħda mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fil-post tad-destinazzjoni. Dan se jipprevedi kontroll akbar fuq il-movimenti ta’ dawk l-annimali.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà ta’ din il-proposta jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika permezz ta’ benesseri aħjar tal-annimali, saħħa aħjar tal-annimali u kontrolli aħjar fuq it-trażmissjoni possibbli tal-mard tal-annimali (li xi wħud minnhom huma ta’ natura żoonotika), dan skont approċċ ta’ Saħħa Waħda.	(8) Id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà ta’ din il-proposta jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika permezz ta’ benesseri aħjar tal-annimali, saħħa aħjar tal-annimali u kontrolli aħjar fuq it-trażmissjoni possibbli tal-mard tal-annimali (li xi wħud minnhom huma ta’ natura żoonotika***, li xi wħud minnhom jiġu trażmessi lill-organiżmi selvaġġi***), dan skont approċċ ta’ Saħħa Waħda.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jirregola l-mard trażmissibbli

	tal-annimali bl-iskop li jiġi evitat it-tixrid ta' dan il-mard fl-Unjoni. Is-saħħa tal-annimali hija wieħed mill-ħames dominji tal-benesseri tal-annimali, u għalhekk hija indirizzata f'dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament ma jindirizzax il-mard elenkat fir-Regolament (UE) 2016/429, iżda pjuttost l-istat tas-saħħa tal-klieb u tal-qtates kif ifformat minn mard li ma jitteħidx (pereżempju korrimenti) jew mard mhux elenkat (pereżempju ċerti parassiti). Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament huma għalhekk komplementari għar-Regolament (UE) 2016/429 u ma jidduplikawx ir-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament jew ma jikkoinċidux magħhom.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi l-identifikazzjoni tal-klieb u ***l-qtates*** bi transponder iżda biss jekk ikunu soġġetti għal movimenti bejn l-Istati Membri li jidħlu fl-Unjoni. L-identifikazzjoni meħtieġa minn dak ir-Regolament ma hijiex armonizzata bis-sħiħ peress li ma tinkludix standards preċiżi rigward it-transponders. Barra minn hekk, dak ir-Regolament ma jirrikjedix li l-Istati Membri jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u ***l-qtates***.	(10) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi l-identifikazzjoni tal-klieb u ***tal-qtates*** bi transponder iżda biss jekk ikunu soġġetti għal movimenti bejn l-Istati Membri li jidħlu fl-Unjoni. L-identifikazzjoni meħtieġa minn dak ir-Regolament ma hijiex armonizzata bis-sħiħ peress li ma tinkludix standards preċiżi rigward it-transponders. Barra minn hekk, dak ir-Regolament ma jirrikjedix li l-Istati Membri jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u ***tal-qtates***.

Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jkunu meħtieġa jistabbilixxu u jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u ***l-qtates fornuti*** fis-suq tal-Unjoni biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' dawn l-annimali. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn il-bażijiet tad-data. Dan se jiffaċilita s-sejba ta' informazzjoni dwar il-klieb u l-qtates fl-Unjoni kollha, kif ukoll jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali biex jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali.	Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu u jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u ***tal-qtates mqiegħda*** fis-suq tal-Unjoni biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' dawn l-annimali. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn il-bażijiet tad-data. Dan se jiffaċilita s-sejba ta' informazzjoni dwar il-klieb u l-qtates fl-Unjoni kollha, kif ukoll jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali biex jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) ***Il-forniment*** tal-klieb u ***l-qtates***, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk mingħajr kost, għandu impatt fuq is-suq intern. Għalhekk, ***sabiex*** jiġu evitati l-frodi, jenħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali kollha kkummerċjalizzati fis-suq tal-Unjoni u jenħtieġ li ż-żamma tal-annimali fi stabbilimenti tat-tnissil, ***fi ħwienet*** tal-annimali tad-dar jew f'santwarji tal-annimali tkun soġġetta għal regoli dettaljati.	(11) ***It-tqegħid fis-suq*** tal-klieb u ***tal-qtates***, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk mingħajr kost, għandu impatt fuq is-suq intern. Għalhekk, ***biex*** jiġu evitati l-frodi, jenħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali kollha kkummerċjalizzati fis-suq tal-Unjoni***,*** u jenħtieġ li ż-żamma tal-annimali fi stabbilimenti tat-tnissil ***u tal-bejgħ***, ***f'foster homes*** tal-annimali tad-dar jew f'santwarji tal-annimali tkun soġġetta għal regoli dettaljati. ***Il-militar, il-pulizija jew id-dwana li jrabbu jew iżommu l-klieb għall-użu tas-servizzi tagħhom stess mhumiex f'tali sitwazzjoni peress li ma jwettqux l-attivitajiet ta' tnissil jew ta' żamma tagħhom għas-suq.***

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a)Il-forniment okkażjonali ta' ġriewi u frieħ tal-qtates mis-sidien tagħhom li jżommu l-klieb jew il-qtates għat-tgawdija u l-kumpanija personali jew familjari u mingħajr ebda intenzjoni jew skop kummerċjali, ma għandux impatt sinifikanti fuq is-suq intern u għalhekk huwa ġġustifikat li tali attivitajiet ta' provvista jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tirregola ż-żamma, it-tnissil u l-forniment ta' annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi inkluż il-klieb u l-qtates. Għalhekk, jenħtieġ li l-klieb u l-qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(13) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tirregola ż-żamma, it-tnissil u l-forniment ta' annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi inkluż il-klieb u l-qtates. ***Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jirregola l-provi kliniċi għall-prodotti mediċinali veterinarji li jinvolvu l-użu tal-annimali, inklużi l-klieb u l-qtates.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-klieb u l-qtates maħsuba ***jew użati*** għal skopijiet xjentifiċi ***kif ukoll il-klieb u l-qtates użati fil-provi kliniċi meħtieġa għall-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta'***

	prodotti mediċinali veterinarji jiġu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
[4] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).	[4] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Għadd kbir ta' klieb u qtates, għall-ewwel darba se jkunu koperti minn regoli dettaljati dwar il-benesseri li se jippermettulhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar. Madankollu, meta jitqiesu d-diffikultajiet prattiċi f'ċerti każijiet biex jiġi ddeterminat jekk il-klieb u l-qtates humiex miżmuma bħala annimali tad-dar jew għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment, dan ir-Regolament jenħtieġ li jeżenta ***minn ċerti obbligi*** s-sidien tal-annimali tad-dar li jżommu għadd ta' klieb u qtates u jipproduċu għadd ta' ***ġriewi u frieħ*** taħt ċertu livell limitu. Inkella, dawk is-sidien tal-annimali tad-dar ikunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament, li ma jkunux proporzjonati.	(14) Għadd kbir ta' klieb u qtates, għall-ewwel darba se jkunu koperti minn regoli dettaljati dwar il-benesseri li se jippermettulhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar. Madankollu, meta jitqiesu d-diffikultajiet prattiċi f'ċerti każijiet biex jiġi ddeterminat jekk il-klieb u l-qtates humiex miżmuma bħala annimali tad-dar jew ***jintużawx għal skopijiet agrikoli, bħar-ragħa, l-għassa tal-bhejjem, il-protezzjoni tal-azjendi agrikoli, jew*** għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment, dan ir-Regolament jenħtieġ li jeżenta s-sidien tal-annimali tad-dar li jżommu għadd ta' klieb u qtates u jipproduċu għadd ta' ***btan*** taħt ċertu livell limitu. Inkella, dawk is-sidien tal-annimali tad-dar ikunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament, li ma jkunux proporzjonati. ***Il-qtates li jgħixu fit-triq li jduru liberament u li jżommu l-popolazzjonijiet tar-rodituri taħt kontroll, ilhom***

	jagħmlu parti minn dan il-bilanċ rurali u jaqdu rwol funzjonali u simbjotiku fl-azjendi agrikoli. Iż-żoni rurali u remoti, fejn l-aċċess għas-servizzi veterinarji u l-infrastruttura ta' konformità jaf ikunu limitati, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż sproporzjonat fuq il-bdiewa u n-nissiela fuq skala żgħira, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Barra minn hekk, fis-suq tal-Unjoni tipi differenti ta' operaturi ***li*** jwettqu tipi differenti ta' attivitajiet ***ifornu l-klieb*** u ***l-qtates***. Minbarra nissiela kummerċjali hemm ***ħwienet tal-annimali tad-dar*** fejn il-klieb u l-qtates, li normalment ikunu twieldu u tnisslu fi stabbilimenti oħrajn, jinżammu għall-bejgħ. Il-protezzjoni ta' dawn l-annimali tista' tkun subottimali, u ma hemm l-ebda standard komuni ta' benesseri li jeħtieġ li jiġi osservat f'dawn l-istabbilimenti. Għalhekk, minħabba li ***l-ħwienet tal-annimali tad-dar*** huma operaturi kummerċjali li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates, jeħtieġ li jiġu applikati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal dawn l-istabbilimenti.	(17) Barra minn hekk, fis-suq tal-Unjoni tipi differenti ta' operaturi li jwettqu tipi differenti ta' attivitajiet ***iqiegħdu l-klieb*** u ***l-qtates fis-suq***. Minbarra nissiela kummerċjali hemm ***stabbilimenti tal-bejgħ*** fejn il-klieb u l-qtates, li normalment ikunu twieldu u tnisslu fi stabbilimenti oħrajn, jinżammu għall-bejgħ. Il-protezzjoni ta' dawn l-annimali tista' tkun subottimali, u ma hemm l-ebda standard komuni ta' benesseri li jeħtieġ li jiġi osservat f'dawn l-istabbilimenti. Għalhekk, minħabba li ***l-istabbilimenti tal-bejgħ*** huma operaturi kummerċjali li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates, jeħtieġ li jiġu applikati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal dawn l-istabbilimenti.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minkejja d-differenzi fl-attivitajiet imwettqa minn nissiela kummerċjali u ***ħwienet tal-annimali tad-dar***, minn naħa waħda, u santwarji ***għall-annimali***, min-naħa l-oħra, dawn kollha ***jfornu*** l-klieb u l-qtates fis-suq tal-Unjoni u hemm ċertu ammont ta' duplikazzjoni, speċjalment fil-livell tad-domanda. Meta jfittxu kelb jew qattus, il-konsumaturi jagħmlu għażliet bejn ix-xiri ta' annimal mingħand nissiel (jew direttament jew permezz ta' ***ħanut tal-annimali tad-dar*** jew intermedjarju) jew jadottaw wieħed minn santwarju. L-akkwist ta' klieb jew qtates direttament minn sidien ta' annimali tad-dar huwa marġinali. Fattur importanti wieħed fl-għażla ta' kelb jew qattus huwa l-problemi possibbli ta' mġiba jew problemi oħrajn li l-annimal jista' juri minħabba li jkun inżamm f'kundizzjonijiet ħżiena ta' benesseri u li jistgħu jnaqqsu l-adegwatezza tiegħu biex jinżamm bħala annimal tad-dar, irrispettivament minn jekk l-annimal ikunx inżamm fi stabbiliment tat-tnissil kummerċjali, ***f'ħanut tal-annimali tad-dar*** jew f'santwarju. Barra minn hekk, minħabba li l-kummerċ isir ukoll minn intermedjarji u l-aktar online, il-konsumaturi jistgħu ma jkunux konxji qabel ma jakkwistaw kelb jew qattus jekk l-annimal joriġinax minn santwarju, nissiel jew ***ħanut tal-annimali tad-dar***. Hemm evidenza li l-għadd ta' annimali ***fornuti lis-suq*** tal-Unjoni minn santwarji	(19) Minkejja d-differenzi fl-attivitajiet imwettqa minn nissiela kummerċjali u ***stabbilimenti tal-bejgħ***, minn naħa waħda, u santwarji ***tal-annimali***, min-naħa l-oħra, dawn kollha ***jqiegħdu*** l-klieb u l-qtates fis-suq tal-Unjoni u hemm ċertu ammont ta' duplikazzjoni, speċjalment fil-livell tad-domanda. Meta jfittxu kelb jew qattus, il-konsumaturi jagħmlu għażliet bejn ix-xiri ta' annimal mingħand nissiel (jew direttament jew permezz ta' ***stabbiliment tal-bejgħ*** jew intermedjarju) jew jadottaw wieħed minn santwarju. L-akkwist ta' klieb jew qtates direttament minn sidien ta' annimali tad-dar huwa marġinali. Fattur importanti wieħed fl-għażla ta' kelb jew qattus huwa l-problemi possibbli ta' mġiba jew problemi oħrajn li l-annimal jista' juri minħabba li jkun inżamm f'kundizzjonijiet ħżiena ta' benesseri u li jistgħu jnaqqsu l-adegwatezza tiegħu biex jinżamm bħala annimal tad-dar, irrispettivament minn jekk l-annimal ikunx inżamm fi stabbiliment tat-tnissil kummerċjali, ***fi stabbiliment tal-bejgħ*** jew f'santwarju. Barra minn hekk, minħabba li l-kummerċ isir ukoll minn intermedjarji u l-aktar online, il-konsumaturi jistgħu ma jkunux konxji qabel ma jakkwistaw kelb jew qattus jekk l-annimal joriġinax minn santwarju, nissiel jew ***stabbilimenti tal-bejgħ. L-għoti ta' tali informazzjoni jista' jgħin lix-xerrejja jagħmlu għażliet infurmati u responsabbli***. Hemm evidenza li

huwa sinifikanti, b'mod partikolari għall-qtates. Hemm ukoll evidenza li l-annimali jiġu ***fornuti*** minn santwarji f'xi Stati Membri lil sidien prospettivi tal-annimali tad-dar fi Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari għall-klieb. Sabiex jiġi żgurat l-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-klieb u ***l-qtates***, u l-iżvilupp razzjonali tas-settur filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' benesseri tal-annimali, jeħtieġ li jiġu applikati xi wħud mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal santwarji li jżommu ċertu għadd minimu ta' annimali, irrispettivament minn jekk ***ibigħux annimali*** bi ħlas ***jew*** ifornux biss annimali mingħajr ħlas jew b'rimborż ta' kostijiet raġonevoli. Madankollu, għal raġunijiet ta' proporzjonalità u minħabba li l-attivitajiet tas-santwarji jvarjaw minn dawk ta' operaturi oħrajn u jistgħu jissodisfaw funzjoni ta' interess pubbliku, uħud biss mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għas-santwarji, li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-għadd u l-kompetenza tal-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali, l-abitazzjoni, it-tmigħ u t-tisqija, il-ħtiġijiet ta' mġiba u prattiki li jikkawżaw l-uġigħ, u żjarat konsultattivi minn veterinarju.

l-għadd ta' annimali ***mqiegħda fis-suq*** tal-Unjoni minn santwarji huwa sinifikanti, b'mod partikolari għall-qtates. Hemm ukoll evidenza li l-annimali jiġu ***mqiegħda fis-suq*** minn santwarji f'xi Stati Membri lil sidien prospettivi tal-annimali tad-dar fi Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari għall-klieb. Sabiex jiġi żgurat l-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-klieb u ***tal-qtates***, u l-iżvilupp razzjonali tas-settur filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' benesseri tal-annimali, jeħtieġ li jiġu applikati xi wħud mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal santwarji li jżommu ċertu għadd minimu ta' annimali, irrispettivament minn jekk ***iqiegħdux klieb jew qtates fis-suq tal-Unjoni*** bi ħlas***,*** ifornux biss annimali mingħajr ħlas jew b'rimborż ta' kostijiet raġonevoli. Madankollu, għal raġunijiet ta' proporzjonalità u minħabba li l-attivitajiet tas-santwarji jvarjaw minn dawk ta' operaturi oħrajn u jistgħu jissodisfaw funzjoni ta' interess pubbliku, uħud biss mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għas-santwarji, li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-għadd u l-kompetenza tal-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali, l-abitazzjoni, it-tmigħ u t-tisqija, il-ħtiġijiet ta' mġiba u prattiki li jikkawżaw l-uġigħ, u żjarat konsultattivi minn veterinarju.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a)L-Istati Membri osservaw l-użu dejjem jikber ta' foster homes minn operaturi responsabbli għal klieb jew qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati. Minħabba li l-għadd ta' klieb u ta' qtates miżmuma fil-foster homes jista' jkollu impatt fuq is-suq tal-klieb u tal-qtates, jenħtieġ li l-foster homes ikunu koperti minn dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-operaturi li jqiegħdu l-klieb jew il-qtates fil-foster homes jenħtieġ li jkunu responsabbli biex jiżguraw li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati f'dawk il-foster homes. Dan jista' jinkiseb inter alia permezz tal-istabbiliment ta' relazzjoni kuntrattwali bejn l-operatur u l-foster family.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Barra minn hekk, minħabba l-għadd sinifikanti ta' annimali ***fornuti*** fl-Unjoni minn santwarji, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tat-traċċabbiltà u l-prevenzjoni tal-kummerċ illegali, jenħtieġ li s-santwarji jkunu soġġetti wkoll għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u ***l-qtates***,	(20) Barra minn hekk, minħabba l-għadd sinifikanti ta' annimali ***mqiegħda fis-suq*** fl-Unjoni minn santwarji, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tat-traċċabbiltà u l-prevenzjoni tal-kummerċ illegali, jenħtieġ li s-santwarji jkunu soġġetti wkoll għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni

irrispettivament minn jekk l-attività tagħhom tistax titqies bħala ekonomika fin-natura tagħha jew le.	tal-klieb u ***tal-qtates***, irrispettivament minn jekk l-attività tagħhom tistax titqies bħala ekonomika fin-natura tagħha jew le. ***L-operaturi responsabbli għas-santwarji jenħtieġ li jiġu mħeġġa jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu r-riproduzzjoni tal-klieb jew tal-qtates miżmuma f'santwarji.***

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' dan ir-Regolament, huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw l-istabbilimenti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali tagħhom. Għalhekk jeħtieġ li l-operaturi li jżommu l-klieb u l-qtates fi stabbilimenti jinnotifikaw l-attivitajiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti.	(23) Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' dan ir-Regolament, huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw l-istabbilimenti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali tagħhom. Għalhekk jeħtieġ li l-operaturi li jżommu l-klieb u l-qtates fi stabbilimenti jinnotifikaw l-attivitajiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti ***u li l-awtoritajiet kompetenti jżommu reġistru aġġornat ta' dawn l-istabbilimenti. Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu, għal dak l-iskop, jużaw l-informazzjoni jew id-data miġbura fir-reġistru tal-istabbilimenti tal-klieb u tal-qtates skont ir-Regolament (UE) 2016/429.***

Emenda 278

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Persunal imħarreġ sew u bil-ħiliet huwa essenzjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali. Il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali jirrikjedu għarfien tax-xejriet u l-ħtiġijiet bażiċi tal-imġiba tal-ispeċi kkonċernata. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali rilevanti għall-kompiti tagħhom u l-annimali li jimmaniġġaw, sabiex jiġi evitat li jikkawżaw uġigħ, tbatija u sofferenza lill-klieb u l-qtates.	(24) ***It-tbatija u s-sofferenza tal-klieb u l-qtates matul l-attivitajiet ta' taħriġ minn handlers mhux imħarrġa, jew b'livell baxx ta' kwalifiki jista' jkollhom effetti detrimentali fuq ix-xejriet tal-imġiba tal-klieb u l-qtates, b'riskji possibbli għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem u għall-ambjent. Għalhekk,*** persunal imħarreġ sew u bil-ħiliet huwa essenzjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali***, inkluż meta jitnisslu, jinżammu u jiġu mmaniġġati l-klieb maħsuba għas-servizzi militari, tal-pulizija u tad-dwana***. Il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali jirrikjedu għarfien tax-xejriet u l-ħtiġijiet bażiċi tal-imġiba tal-ispeċi kkonċernata. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali rilevanti għall-kompiti tagħhom u l-annimali li jimmaniġġaw, sabiex jiġi evitat li jikkawżaw uġigħ, tbatija u sofferenza lill-klieb u l-qtates. ***Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali u l-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-aġenziji tal-gvern, jenħtieġ li jaġġornaw regolarment il-kompetenzi tagħhom permezz ta' programmi ta' taħriġ li jippromwovu metodi ta' taħriġ bħall-"kundizzjonament tal-operant", filwaqt li jipprijoritizzaw ir-rinfurzar pożittiv, minflok metodi bbażati fuq il-kastig.***

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Minħabba l-fatt li l-benesseri tal-annimali jinkludi s-saħħa tal-annimali, il-veterinarji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu pariri lill-operaturi bl-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni tal-benesseri tal-annimali fl-istabbilimenti. Jenħtieġ li l-veterinarji jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn is-saħħa u l-benesseri ta' dawk l-annimali. Għalhekk, l-istabbilimenti li jżommu ***l-klieb*** u ***l-qtates*** jenħtieġ li jirċievu żjara ***regolari*** dwar il-benesseri tal-annimali minn veterinarju.	(25) Minħabba l-fatt li l-benesseri tal-annimali jinkludi s-saħħa tal-annimali, il-veterinarji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu pariri lill-operaturi bl-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni tal-benesseri tal-annimali fl-istabbilimenti. Jenħtieġ li l-veterinarji jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn is-saħħa u l-benesseri ta' dawk l-annimali. Għalhekk, l-istabbilimenti li jżommu ***għadd ta' klieb*** u ***qtates li jaqbeż ċertu limitu*** jenħtieġ li jirċievu żjara dwar il-benesseri tal-annimali minn veterinarju ***matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew matul l-ewwel sena min-notifika ta' stabbiliment ġdid, u wara dan, iż-żjarat minn veterinarju għandhom isiru meta jkun xieraq, abbażi ta' analiżi tar-riskju mill-awtoritajiet kompetenti***.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a)Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' veterinarji tal-benesseri tal-annimali jenħtieġ li jinżamm livell xieraq ta' indipendenza professjonali mill-operatur, kif

ukoll edukazzjoni komprensiva u taħriġ kontinwu biex jibqgħu aġġornati mal-avvanzi xjentifiċi u professjonali. Dan it-taħriġ jista', kif xieraq, jinkludi wkoll elementi relatati mar-rikonoxximent ta' każijiet ta' vjolenza u abbuż tal-annimali.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25b) Meta matul iż-żjarat tagħhom dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali l-veterinarji jiltaqgħu ma' ċirkostanzi li jistgħu jaffettwaw serjament il-benesseri tal-klieb jew tal-qtates, huma mħeġġa, fejn xieraq, jinnotifikaw lill-awtoritajiet rilevanti jew jikkunsidraw li jwettqu żjara ta' segwitu biex jivvalutaw is-sitwazzjoni.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 25c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25c)It-tmiem tal-ħajja tal-klieb u tal-qtates jenħtieġ li preferibbilment jiġi assistit minn veterinarju bl-użu ta' metodi li jimminimizzaw l-uġigħ u t-tbatija. F'każijiet eċċezzjonali, bħal meta kelb tal-kaċċa jew tal-kustodja tal-bhejjem ikorri serjament

	f'post remot fejn l-għajnuna veterinarja ma tkunx aċċessibbli, jistgħu jintużaw metodi oħra, dment li dawn jimminimizzaw kemm jista' jkun is-sofferenza.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Ċerti strateġiji tat-tnissil jistgħu jwasslu għal problemi ta' benesseri għall-klieb u ***l-qtates***. Bl-għażla ta' ċerti karatteristiċi ġenetiċi għal raġunijiet estetiċi jew għal raġunijiet oħrajn ta' kummerċjalizzazzjoni, jistgħu jinħolqu wkoll karatteristiċi mhux mixtieqa minn perspettiva ta' benesseri tal-annimali u jiġu mgħoddija lil ġenerazzjonijiet futuri. Għalhekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil tagħhom ma jwasslux għal konsegwenzi negattivi bħal dawn għall-benesseri tal-klieb u l-qtates.	(26) Ċerti strateġiji tat-tnissil jistgħu jwasslu għal problemi ta' benesseri għall-klieb u ***għall-qtates***. Bl-għażla ta' ċerti karatteristiċi ġenetiċi għal raġunijiet estetiċi jew għal raġunijiet oħrajn ta' kummerċjalizzazzjoni, jistgħu jinħolqu wkoll karatteristiċi mhux mixtieqa minn perspettiva ta' benesseri tal-annimali u jiġu mgħoddija lil ġenerazzjonijiet futuri. Għalhekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil tagħhom ma jwasslux għal konsegwenzi negattivi bħal dawn għall-benesseri tal-klieb u l-qtates. ***B'mod partikolari, l-istrateġiji tat-tnissil motivati mill-objettivi ta' kummerċjalizzazzjoni jistgħu jwasslu, f'ċerti tipi ta' klieb u ta' qtates, għall-iżvilupp ta' "karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi". Peress li tali karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi jistgħu jwasslu għal problemi tas-saħħa sinifikanti għall-klieb u għall-qtates ikkonċernati, in-nissiela jenħtieġ li jeskluduhom mill-programmi tat-tnissil.***

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a)L-ispettakli, il-wirjiet u l-kompetizzjonijiet estetiċi tal-klieb jew tal-qtates għandhom impatt fuq l-opportunitajiet tas-suq u fuq il-prezz għall-bejgħ tal-klieb u tal-qtates. Il-mutilazzjonijiet u ċerti strateġiji tat-tnissil li jirriżultaw fi klieb jew qtates b'karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi jistgħu jkunu ta' vantaġġ għan-nissiela li jikkompetu fi spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet estetiċi tal-klieb jew tal-qtates. L-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti bħal dawn jistgħu jkunu motivati minn fatturi oħra għajr il-benesseri tal-annimali, bħall-istandards estetiċi, bl-għan li jiġu riklamati ċerti razez u karatteristiċi fiżiċi. Sabiex jiġi żgurat li n-nissiela jagħtu prijorità lill-benesseri tal-klieb u tal-qtates li jipproduċu u b'mod partikolari li l-klieb u l-qtates ma jiżviluppawx karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi u li n-nissiela ma jwettqux mutilazzjonijiet biex jilħqu standards estetiċi li mhumiex tajbin għas-saħħa, l-operaturi ta' stabbilimenti tat-tnissil u tal-bejgħ u l-organizzaturi ta' tali spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet jenħtieġ li la jużaw u lanqas jinkludu klieb jew qtates b'karatteristiċi ta'

	konformazzjoni eċċessivi jew dawk li jkunu ġew mutilati għal dawn l-ispettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-evidenza xjentifika turi li t-tgħammir ta' annimali tal-istess demm għandu impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u l-benesseri tal-annimali. Għalhekk, it-tgħammir ta' klieb u qtates tal-istess demm ***inkluż it-tgħammir tal-ewwel grad u tat-tieni grad*** jenħtieġ li jkun ipprojbit, peress li dan iżid l-inċidenza ta' disturbi li jintirtu u jikkomprometti l-funzjoni tas-sistema immunitarja, li t-tnejn li huma jħallu impatt avvers fuq is-saħħa u l-benesseri tal-klieb u tal-qtates.	(27) L-evidenza xjentifika turi li t-tgħammir ta' annimali tal-istess demm għandu impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u l-benesseri tal-annimali. Għalhekk, it-tgħammir ta' klieb u ***ta'*** qtates tal-istess demm ***bejn ġenituri u wliedhom, bejn l-aħwa, bejn l-aħwa minn ġenitur wieħed jew bejn in-nanniet u n-neputijiet*** jenħtieġ li jkun ipprojbit, peress li dan iżid l-inċidenza ta' disturbi li jintirtu u jikkomprometti l-funzjoni tas-sistema immunitarja, li t-tnejn li huma jħallu impatt avvers fuq is-saħħa u l-benesseri tal-klieb u tal-qtates. ***Madankollu, it-tgħammir ta' annimali tal-istess demm jenħtieġ li jkun possibbli, meta jkun meħtieġ biex jiġu ppreservati razez lokali b'patrimonju ġenetiku limitat, dment li dan ikun awtorizzat għal dik ir-raġuni mill-awtorità kompetenti.***

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a)L-evidenza xjentifika

	tikkonferma li l-aċċess konsistenti għal nutrizzjoni u idratazzjoni adegwati huwa fundamentali għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates. Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-operaturi f'dan ir-rigward. Il-faċilitajiet tal-għalf u tax-xorb jenħtieġ li jinżammu nodfa, u jitfasslu, jinbnew u jiġu installati b'tali mod li jiġi żgurat aċċess ugwali għall-annimali kollha, u b'hekk tiġi minimizzata l-kompetizzjoni u tiġi evitata l-imġiba agonistika. Tali faċilitajiet jenħtieġ li jitfasslu wkoll biex jimminimizzaw it-tixrid, jipprevjenu l-kontaminazzjoni tal-għalf u tal-ilma b'sustanzi ta' ħsara, u jevitaw kwalunkwe riskju ta' ħsara lill-klieb u lill-qtates.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-evidenza xjentifika hija ċara dwar il-ħtieġa li l-klieb u l-qtates ikollhom biżżejjed spazju biex jesprimu l-imġiba naturali tagħhom u jkollhom interazzjonijiet soċjali normali. Dan ma huwiex possibbli meta l-annimali jinżammu f'konfinament u ***fil-gaġeġ***. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żamma tal-klieb u tal-qtates ***fil-gaġeġ*** tiġi pprojbita.	(30) L-evidenza xjentifika hija ċara dwar il-ħtieġa li l-klieb u l-qtates ikollhom biżżejjed spazju biex jesprimu l-imġiba naturali tagħhom u jkollhom interazzjonijiet soċjali normali. Dan ma huwiex possibbli meta l-annimali jinżammu f'konfinament u ***f'kontenituri għal perjodi twal***. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żamma tal-klieb u tal-qtates ***f'kontenituri għal perjodi twal*** tiġi pprojbita***, ħlief jekk meħtieġa għat-trasport u għall-iżolament temporanju u għal perjodu qasir tal-klieb***

	u/jew tal-qtates individwali u waqt il-parteċipazzjoni fi spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet, għall-ġriewi jew għall-frieħ b'kapaċità ta' regolazzjoni termali mnaqqsa jew ġriewi jew frieħ flimkien ma' ommijiethom, dment li jiġi minimizzat l-istress u tiġi evitata s-sofferenza minħabba temperaturi estremi, u li l-klieb u l-qtates ikunu jistgħu jqumu bilwieqfa u jimteddu f'pożizzjoni naturali.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex ***jiġu evitati*** kumplikazzjonijiet fit-tqala u jiġi kompromess il-benesseri tagħhom, ***il-klieb*** u l-qtates femminili ***jenħtieġ li jitgħammru biss wara li*** jilħqu maturità ***skelettrika kif ukoll sesswali***. Sabiex ikunu jistgħu jirkupraw fiżikament mit-tqala u ***t-treddigħ***, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jiġu riammessi ***biss*** għar-riproduzzjoni wara perjodu ta' żmien suffiċjenti. Madankollu, biex jiġu pprevenuti ċerti kundizzjonijiet riproduttivi patoloġiċi fil-klieb u fil-qtates femminili, bħal pjometrija, jenħtieġ li jkunu permessi sa tliet tqaliet ***konsekuttivi***, segwiti minn perjodu ta' rkupru adegwat. Ir-riproduzzjoni jenħtieġ li tieqaf gradwalment fil-klieb u l-qtates femminili li jidħlu għal età akbar.	(33) Sabiex ***jiġi evitat li jkollhom*** kumplikazzjonijiet fit-tqala u ***li*** jiġi kompromess il-benesseri tagħhom, ***jenħtieġ li l-klieb*** u l-qtates femminili ***ma jiġux mgħammra qabel ma*** jilħqu maturità ***xierqa***. Sabiex ikunu jistgħu jirkupraw fiżikament mit-tqala u ***mit-treddigħ***, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jiġu riammessi għar-riproduzzjoni ***biss*** wara perjodu ta' żmien suffiċjenti. Madankollu, biex jiġu pprevenuti ċerti kundizzjonijiet riproduttivi patoloġiċi fil-klieb u fil-qtates femminili, bħal pjometrija, jenħtieġ li jkunu permessi sa tliet tqaliet ***ta' btan f'perjodu ta' sentejn***, segwiti minn perjodu ta' rkupru adegwat ***li jenħtieġ li ma jkunx ta' anqas minn sena għall-klieb u l-qtates femminili li jkunu welldu tlitt ibtan, inklużi annimali mwielda mejta, fi***

	żmien sentejn. Ir-riproduzzjoni jenħtieġ li tieqaf gradwalment fil-klieb u l-qtates femminili li jidħlu għal età akbar ***u fil-klieb u l-qtates femminili li kellhom żewġ ċesarji, peress li ma jistax jiġi eskluż li tqala addizzjonali jkollha effett negattiv fuq il-benesseri tagħhom. L-annimali femminili kollha użati għar-riproduzzjoni jenħtieġ li jiġu mmonitorjati regolarment minn veterinarju.***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a)Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, inklużi każijiet ta' abbandun ta' klieb u ta' qtates mill-operaturi. L-istabbilimenti tat-tnissil li jinvolvu ruħhom fi prattiki abbużivi li jikkompromettu l-benesseri tal-annimali jenħtieġ li, b'mod partikolari, ikunu soġġetti għal penali b'saħħithom u dissważivi. Tali prattiki jenħtieġ li jiġu kkundannati b'mod inekwivoku, u jenħtieġ li l-persuni responsabbli ma jitħallew ikomplu l-attivitajiet tagħhom fl-ebda Stat Membru. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali miżmuma f'tali stabbilimenti jitneħħew minnufih u jingħataw kura u

	protezzjoni xierqa.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-proċeduri bl-iskop li tinbidel id-dehra jew li tiġi pprevenuta ċerta mġiba tal-qtates u tal-klieb, bħall-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, it-tneħħija tad-dwiefer u t-tneħħija tal-kordi vokali, għandhom impatt negattiv serju fuq il-benesseri tal-qtates u tal-klieb. Dawn il-proċeduri jikkawżaw uġigħ u jipprevjenu lill-qtates u lill-klieb milli jesprimu mġiba innata. Għal din ir-raġuni, dawn ***jenħtieġ*** li jkunu permessi biss jekk jitwettqu minn veterinarju u meta jkun meħtieġ biss għal raġunijiet mediċi.	(36) Il-proċeduri bl-iskop li tinbidel id-dehra jew li tiġi pprevenuta ċerta mġiba tal-qtates u tal-klieb, bħall-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, it-tneħħija tad-dwiefer u t-tneħħija tal-kordi vokali, għandhom impatt negattiv serju fuq il-benesseri tal-qtates u tal-klieb. Dawn il-proċeduri jikkawżaw uġigħ u jipprevjenu lill-qtates u lill-klieb milli jesprimu mġiba innata. Għal din ir-raġuni, dawn jenħtieġ li jkunu ***jistgħu jiġu*** permessi biss jekk jitwettqu minn veterinarju u meta jkun meħtieġ biss għal raġunijiet mediċi. ***Madankollu, għal ċerti razez, pereżempju għall-klieb tal-kaċċa, tali proċeduri jistgħu jkunu permessi għal raġunijiet profilattiċi, dijanjostiċi u/jew terapewtiċi, u biss jekk jitwettqu minn veterinarju. F'kuntesti u reġjuni speċifiċi tal-Ewropa, il-qtugħ tad-denb jista' jkun iġġustifikat ukoll biex jiġu evitati korrimenti fid-denb, dment li dan ikun ibbażat fuq evalwazzjoni medika sħiħa u bir-reqqa.***

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a)Il-klieb użati fis-servizzi militari, tal-pulizija u tad-dwana normalment jgħaddu minn tip speċifiku ħafna ta' taħriġ li jrid jitħejja fl-interess tas-sigurtà nazzjonali. Sabiex ikollhom il-possibbiltà li jiksbu t-taħriġ meqjus l-aktar xieraq, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu derogi għall-klieb li jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil jew tal-bejgħ tagħhom li jkunu ddestinati li jkunu klieb militari, tal-pulizija jew tad-dwana.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-kundizzjonijiet fl-istabbilimenti tat-tnissil huma partikolarment kritiċi biex jiġi żgurat li l-klieb u l-qtates jinżammu u jiġu ttrattati kif suppost qabel ma jitqiegħdu fis-suq. Għalhekk huwa importanti li dawk l-istabbilimenti jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti u jkunu soġġetti għal spezzjoni minn qabel fuq il-post qabel l-approvazzjoni tagħhom. Huwa importanti wkoll li lista ta' dawk l-istabbilimenti approvati tkun disponibbli għall-pubbliku biex tippermetti lix-xerrejja potenzjali jivverifikaw l-istatus ***tal-fornituri tagħhom. Peress li l-istabbilimenti kollha għandhom żmien estiż għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti***	(37) ***Spezzjoni minn qabel tal-istabbilimenti minn veterinarji uffiċjali jew professjonisti oħra, f'każ li l-kompitu ta' kontroll uffiċjali jkun ġie delegat, u l-approvazzjoni konsegwenti tal-istabbilimenti huma mod effettiv biex jiġi żgurat li l-istabbilimenti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba d-disponibbiltà limitata ta' veterinarji uffiċjali fl-Istati Membri, mhuwiex proporzjonat li tintalab spezzjoni u approvazzjoni minn qabel fuq il-post għall-istabbilimenti kollha u għalhekk il-veterinarji uffiċjali jenħtieġ li jiffukaw fuq***

dwar l-abitazzjoni u s-saħħa, huwa neċessarju li l-obbligu tal-istabbilimenti tat-tnissil ***li jiksbu approvazzjoni jibda japplika fl-istess data bħar-rekwiżiti għall-abitazzjoni u s-saħħa***.

stabbilimenti li jirrappreżentaw riskju ogħla mill-perspettiva tal-benesseri tal-annimali. Il-kundizzjonijiet fl-istabbilimenti tat-tnissil huma partikolarment kritiċi biex jiġi żgurat li l-klieb u l-qtates ***jitnisslu,*** jinżammu u jiġu ttrattati kif suppost qabel ma jitqiegħdu fis-suq***, b'mod partikolari minħabba l-konsegwenzi li l-kundizzjonijiet ħżiena tal-benesseri tal-annimali f'età bikrija jista' jkollhom fuq il-klieb u l-qtates***. Għalhekk huwa importanti li dawk l-istabbilimenti jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti u jkunu soġġetti għal spezzjoni minn qabel fuq il-post qabel l-approvazzjoni tagħhom. Huwa importanti wkoll li lista ta' dawk l-istabbilimenti approvati tkun disponibbli għall-pubbliku biex tippermetti lix-xerrejja potenzjali jivverifikaw l-istatus tal-istabbilimenti tat-tnissil ***u b'hekk jissaħħu l-kontroll pubbliku u l-għarfien taċ-ċittadini***.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Xi operaturi li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates***, jew is-santwarji li jfornu l-klieb u l-qtates,*** iħeġġu lill-klijenti potenzjali jixtru bi kwalunkwe kost billi jużaw argumenti emozzjonali, mingħajr ma jsemmu lis-sid potenzjali l-konsegwenzi tas-sjieda ta' annimal tad-dar. Operaturi jew santwarji oħrajn	(38) Xi operaturi li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates iħeġġu lill-klijenti potenzjali jixtru bi kwalunkwe kost billi jużaw argumenti emozzjonali, mingħajr ma jsemmu lis-sid potenzjali l-konsegwenzi tas-sjieda ta' annimal tad-dar. Operaturi jew santwarji oħrajn jenfasizzaw ir-responsabbiltà marbuta mas-

jenfasizzaw ir-responsabbiltà marbuta mas-sjieda tal-annimali tad-dar u dan għandu l-effett li jillimita l-kapaċità tagħhom li jbigħu l-annimali. Din id-diskrepanza fl-attitudnijiet tal-operaturi għandha t-tendenza li tagħti vantaġġ lill-operaturi inqas responsabbli, li twassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minkejja l-importanza għall-benesseri tal-annimali u għall-ordni ***pubbliku*** li jinformaw lill-klijenti dwar ir-responsabbiltà tagħhom meta jixtru kelb jew qattus. Għalhekk huwa ġġustifikat li ***l-forniturі*** kollha ***tal-klieb*** u l-qtates fis-suq tal-Unjoni għall-użu bħala annimali tad-dar ikunu meħtieġa jinformaw lis-sidien futuri dwar ir-responsabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, ***fejn il-forniment*** ta' kelb jew qattus jiġi ffaċilitat permezz ta' mezzi online, jenħtieġ li twissija xierqa takkumpanja r-reklamar online biex twassal b'mod effiċjenti l-messaġġ ta' sjieda responsabbli.	sjieda tal-annimali tad-dar u dan għandu l-effett li jillimita l-kapaċità tagħhom li jbigħu l-annimali. Din id-diskrepanza fl-attitudnijiet tal-operaturi għandha t-tendenza li tagħti vantaġġ lill-operaturi inqas responsabbli, li twassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minkejja l-importanza għall-benesseri tal-annimali u għall-ordni ***pubblika*** li jinformaw lill-klijenti dwar ir-responsabbiltà tagħhom meta jixtru kelb jew qattus. Għalhekk huwa ġġustifikat li ***l-operaturi*** kollha ***li jqiegħdu l-klieb*** u l-qtates fis-suq tal-Unjoni għall-użu bħala annimali tad-dar ikunu meħtieġa jinformaw lis-sidien futuri dwar ir-responsabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, ***meta t-tqegħid fis-suq*** ta' kelb jew qattus jiġi ffaċilitat permezz ta' mezzi online, jenħtieġ li twissija xierqa takkumpanja r-reklamar online biex twassal b'mod effiċjenti l-messaġġ ta' sjieda responsabbli.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) It-traffikar illegali u l-prattiki frawdolenti fir-rigward tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' klieb u qtates għall-adozzjoni huma ffaċilitati min-nuqqas ta' traċċabbiltà minħabba n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għal dawk l-annimali. Barra minn hekk, jistgħu jidhru prattiki frawdolenti meta s-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni	(39) It-traffikar illegali u l-prattiki frawdolenti fir-rigward tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' klieb u qtates għall-adozzjoni huma ffaċilitati min-nuqqas ta' traċċabbiltà minħabba n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għal dawk l-annimali. Barra minn hekk, jistgħu jidhru prattiki frawdolenti meta s-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni

tal-klieb u l-qtates ma jkunux armonizzati jew ma jkunux jistgħu jitħaddmu faċilment minħabba li s-sistemi tekniċi ma jkunux interoperabbli. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-istandards għall-mezzi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni u li jiġi żgurat li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates jitlestew qabel ma l-annimal ***jiġi fornut fl-Unjoni*** għall-ewwel darba. ***Il-fornituri tal-klieb*** u l-qtates jenħtieġ li jipprovdu evidenza ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni f'waħda mill-bażijiet tad-data stabbiliti mill-Istati Membri għal dan l-għan, qabel l-ewwel tqegħid fis-suq tal-annimal fl-Unjoni. Sussegwentement, ***f'kull*** bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà għall-annimal, ***il-fornitur irid jipprovdi prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimal*** f'waħda mill-bażijiet tad-data. F'ġieħ il-proporzjonalità, il-persuni fiżiċi li jfornu l-klieb u l-qtates kultant b'mezzi oħrajn minbarra l-pjattaformi online jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dan l-obbligu.

tal-klieb u l-qtates ma jkunux armonizzati jew ma jkunux jistgħu jitħaddmu faċilment minħabba li s-sistemi tekniċi ma jkunux interoperabbli. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-istandards għall-mezzi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni u li jiġi żgurat li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates jitlestew qabel ma l-annimal ***jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni*** għall-ewwel darba. ***Persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jqiegħdu l-klieb*** u l-qtates ***fis-suq*** jenħtieġ li jipprovdu evidenza ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni f'waħda mill-bażijiet tad-data stabbiliti mill-Istati Membri għal dan l-għan, qabel l-ewwel tqegħid fis-suq tal-annimal fl-Unjoni. Sussegwentement, ***ma' kull*** bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà għall-annimal, ***il-bidla jenħtieġ li tiġi rreġistrata kif xieraq*** f'waħda mill-bażijiet tad-data. F'ġieħ il-proporzjonalità, il-persuni fiżiċi li jfornu l-klieb u l-qtates kultant b'mezzi oħrajn minbarra l-pjattaformi online jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dan l-obbligu.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) ***Il-fornituri tal-klieb*** u ***tal-qtates*** jenħtieġ li mhux biss jipprovdu evidenza ta' identifikazzjoni, li turi dokument li jirreferi għall-kodiċi tat-transponder impjantat fl-annimal, iżda anke evidenza tar-	(40) ***Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jqiegħdu l-klieb*** u ***l-qtates fis-suq*** jenħtieġ li mhux biss jipprovdu evidenza ta' identifikazzjoni, li turi dokument li jirreferi għall-kodiċi tat-transponder impjantat fl-annimal,

reġistrazzjoni ta’ dak l-annimal f’bażi tad-data uffiċjali. Dan jippermetti li l-informazzjoni ewlenija dwar l-annimal tgħaddi għand is-sid il-ġdid u jiżgura t-traċċabbiltà.

iżda anke evidenza tar-reġistrazzjoni ta’ dak l-annimal f’bażi tad-data uffiċjali. Dan jippermetti li l-informazzjoni ewlenija dwar l-annimal tgħaddi għand is-sid il-ġdid u jiżgura t-traċċabbiltà.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta’ ***listi*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-fornituri ta’ pjattaformi online jaġixxu b’diliġenza meta jagħmluha ta’ intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tal-listi*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex ***il-fornituri*** jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta’ sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta’ kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates ***fornuti*** fl-Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet	(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta’ ***reklami*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-fornituri ta’ pjattaformi online jaġixxu b’diliġenza meta jagħmluha ta’ intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tar-reklami*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex ***il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jqiegħdu l-klieb u l-qtates fis-suq*** jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta’ sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta’ kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates ***mqiegħda fis-suq*** fl-

kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta’ dawn l-annimali. Dan jenħtieġ li ma jammontax għal obbligu għall-pjattaformi online li jimmonitorjaw b’mod ġenerali l-listi offruti permezz tal-pjattaforma tagħhom, u lanqas għal obbligu ġenerali ta’ tiftix tal-fatti mmirat lejn il-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta.

Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta’ dawn l-annimali. Dan jenħtieġ li ma jammontax għal obbligu għall-pjattaformi online li jimmonitorjaw b’mod ġenerali l-listi offruti permezz tal-pjattaforma tagħhom, u lanqas għal obbligu ġenerali ta’ tiftix tal-fatti mmirat lejn il-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates, ***l-annimali*** jenħtieġ li ma jiġux ***immarkati*** biss b’identifikatur uniku fil-forma ta’ transponder, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f’bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri li ***għad ma għandhomx*** bażijiet tad-data ***nazzjonali għall-klieb*** u l-qtates ***jenħtieġ*** li ***jistabbilixxu*** dawn il-bażijiet tad-data ***sabiex l-identifikazzjoni tkun tista’ tkun affidabbli*** u ***vverifikata. Barra minn hekk***, ***sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fl-Unjoni, dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu interoperabbli, u b’hekk l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni***.	(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates, jenħtieġ li ***huma*** ma jiġux ***identifikati individwalment*** biss b’identifikatur uniku fil-forma ta’ transponder, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f’bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri ***jenħtieġ*** li ***jkunu meħtieġa jistabbilixxu u jżommu*** bażijiet tad-data ***tal-klieb*** u l-qtates ***mqiegħda fis-suq tal-Unjoni biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta’ dawn l-annimali. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta’ dawn il-bażijiet tad-data. Dan se jagħmilha aktar faċli li l-informazzjoni dwar il-klieb*** u ***l-qtates tiġi aċċessata fl-Unjoni kollha***, ***kif ukoll li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu kontrolli uffiċjali biex jiżguraw il-***

	konformità mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali. Sabiex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-data nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi bażi tad-data tal-indiċi.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 44a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a)Sabiex jiġu ssimplifikati l-movimenti transfruntiera ta' klieb u qtates identifikati u rreġistrati, u biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu mill-veterinarji għall-informazzjoni medika rilevanti, l-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu sistema ta' passaport diġitali. Dan id-dokument diġitali jenħtieġ li jinkludi data essenzjali dwar l-istatus tal-identifikazzjoni u tat-tilqim tal-annimal, u b'hekk itejjeb kemm il-ġestjoni tas-saħħa tal-annimali kif ukoll l-effiċjenza amministrattiva.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 44b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44b) Il-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija dritt fundamentali. Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-

	Kunsill jistabbilixxi regoli dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-Istati Membri matul il-proċeduri rilevanti.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 44c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44c)Il-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija dritt fundamentali. Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi regoli dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-Istati Membri matul il-proċeduri rilevanti. Ir-rwoli tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali f'każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jeħtieġ li jiġu

	definiti b'mod ċar sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) ***Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-premessa preċedenti jenħtieġ li jiġu inforzati*** permezz ta' lista ta' pajjiżi terzi approvati ***għall-forniment tal-klieb*** u ***l-qtates lill-Unjoni*** abbażi ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-affidabbiltà tal-kontrolli uffiċjali tagħhom biex jinforzaw ir-regoli dwar il-benesseri tal-annimali meħtieġa skont dan ir-Regolament, jew regoli ekwivalenti, fi stabbilimenti fit-territorju tagħhom li ***jfornu*** jew li beħsiebhom ***ifornu l-klieb*** u l-qtates ***lill-Unjoni***. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' stabbilimenti tat-tnissil u jżommu l-klieb u l-qtates f'dawk il-pajjiżi terzi, u li jitħallew jesportaw dawk l-annimali lejn l-Unjoni, biex jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-kontrolli fil-Postijiet ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, billi ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju, twettaq awditi tal-affidabbiltà tas-sistema ta' kontroll uffiċjali ta' pajjiżi terzi approvata skont dan ir-Regolament kif ukoll ta' dawk li jitolbu li jiġu approvati skont dan ir-Regolament.	(46) ***Jenħtieġ li l-infurzar tar-regoli tal-importazzjoni jiġi żgurat*** permezz ta' lista ta' pajjiżi terzi approvati ***għat-tqegħid ta' klieb*** u ***qtates fis-suq tal-Unjoni*** abbażi ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-affidabbiltà tal-kontrolli uffiċjali tagħhom biex jinforzaw ir-regoli dwar il-benesseri tal-annimali meħtieġa skont dan ir-Regolament, jew ***rikonoxxuti mill-Unjoni bħala*** regoli ekwivalenti, fi stabbilimenti fit-territorju tagħhom li ***jesportaw*** jew li beħsiebhom ***jesportaw il-klieb*** u l-qtates ***lis-suq tal-Unjoni***. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' stabbilimenti tat-tnissil u jżommu l-klieb u l-qtates f'dawk il-pajjiżi terzi, u li jitħallew jesportaw dawk l-annimali lejn l-Unjoni, biex jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-kontrolli fil-Postijiet ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, billi ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju, twettaq awditi tal-affidabbiltà tas-sistema ta' kontroll uffiċjali ta' pajjiżi terzi approvata skont dan ir-Regolament kif ukoll ta' dawk li jitolbu li jiġu approvati skont dan ir-Regolament. ***Fl-aħħar nett, il-konformità mar-regoli rilevanti ta' dan ir-Regolament jew mar-regoli rikonoxxuti***

	mill-Unjoni bħala regoli ekwivalenti jenħtieġ li tiġi ċċertifikata fiċ-ċertifikat tas-saħħa rilevanti użat għal tali esportazzjonijiet. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel ħilitha biex temenda l-mudell rilevanti taċ-ċertifikat uffiċjali, sabiex tinkludi l-attestazzjoni relatata tal-benesseri tal-annimali.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46a)Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur u tiġi żgurata t-traċċabbiltà xierqa tal-importazzjonijiet tal-klieb u l-qtates fl-Unjoni, huwa xieraq li jkun meħtieġ li dawn jiġu identifikati qabel id-dħul tagħhom u li l-importaturi jiżguraw ir-reġistrazzjoni tagħhom f'waħda mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri. Dan se jfisser kontroll akbar fuq il-movimenti ta' dawk l-annimali. Barra minn hekk, l-Azzjoni Koordinata tal-UE dwar il-kummerċ illegali tal-qtates u tal-klieb imwettqa fl-2022 u fl-2023 uriet li waħda mill-prattiki frodulenti komuni fil-kummerċ tal-klieb u l-qtates tikkonsisti fl-importazzjoni fl-Unjoni ta' klieb u qtates maħsuba għall-kummerċ filwaqt li jiġi ddikjarat li dawk il-movimenti huma movimenti mhux kummerċjali kif definiti mir-regoli tal-Unjoni dwar is-

	saħħa tal-annimali, jiġifieri movimenti ta' klieb u qtates li jakkumpanjaw lis-sidien tagħhom jew lil persuna awtorizzata mis-sid mingħajr l-intenzjoni ta' trasferiment tas-sjieda. Sabiex jiġu pprovduti għodod għall-Istati Membri biex iwettqu kontrolli bbażati fuq ir-riskju ffukati fuq din il-prattika frodulenti, huwa essenzjali li d-dħul tal-klieb u l-qtates meqjus bħala mhux kummerċjali jiġi nnotifikat minn qabel permezz ta' bażi tad-data ddedikata tal-Unjoni għall-annimali tal-dar vjaġġaturi. Din il-bażi tad-data jenħtieġ li tiġbor notifiki għal dan id-dħul kollu fl-Unjoni irrispettivament mill-punt tad-dħul, biex l-Istati Membri jkollhom il-perspettiva ġenerali meħtieġa u jidentifikaw il-movimenti suspettużi. Għal dik ir-raġuni huwa xieraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm dik il-bażi tad-data sabiex l-Istati Membri jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha disponibbli għall-kontrolli tagħhom.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Skont ir-Regolament (UE) 2016/429, lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-fini tad-dħul fl-Unjoni ta' klieb u qtates hija stabbilita għall-fini tal-ġestjoni tar-riskju tal-introduzzjoni ta' mard trażmissibbli tal-annimali fl-	(47) Skont ir-Regolament (UE) 2016/429, lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-fini tad-dħul fl-Unjoni ta' klieb u qtates hija stabbilita għall-fini tal-ġestjoni tar-riskju tal-introduzzjoni ta' mard trażmissibbli tal-annimali fl-

Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista ta’ pajjiżi terzi msemmija fil-premessa ***preċedenti*** tkun limitata għal pajjiżi terzi awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2016/429 u li jipprovdu garanziji xierqa tal-kapaċità tal-awtorità kompetenti tagħhom li jikkontrollaw u jiżguraw il-konformità tal-istabbilimenti tat-tnissil u li jżommu l-klieb u l-qtates għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni bir-rekwiżiti dwar il-benesseri tal-annimali stabbiliti f’dan ir-Regolament.	Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista ta’ pajjiżi terzi msemmija fil-premessa ***46*** tkun limitata għal pajjiżi terzi awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2016/429 u li jipprovdu garanziji xierqa tal-kapaċità tal-awtorità kompetenti tagħhom li jikkontrollaw u jiżguraw il-konformità tal-istabbilimenti tat-tnissil u li jżommu l-klieb u l-qtates għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni bir-rekwiżiti dwar il-benesseri tal-annimali stabbiliti f’dan ir-Regolament.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a)Sabiex tiġi traċċata b’mod effettiv l-oriġini tal-kelb jew tal-qattus fil-pajjiż terz u biex jiġu indirizzati l-importazzjonijiet illegali fl-Unjoni u l-prattiki frodulenti bl-iskuża ta’ movimenti mhux kummerċjali kif definiti bir-regoli tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali, huwa importanti li l-klieb u l-qtates jiġu importati minn pajjiżi terzi f’konformità ma’ dan ir-Regolament fir-rigward tar-reġistrazzjoni tagħhom f’bażi tad-data tal-Istati Membri fi żmien jumejn mid-dħul tagħhom fl-Unjoni.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi, u l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini ***tal-emendar tal-Artikolu*** 6 ta' dan ir-Regolament sabiex l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi li għandhom effetti detrimentali fuq is-saħħa jew il-benesseri tal-klieb u l-qtates.	(48) Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi, ***speċjalment l-opinjonijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)*** u l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini ***li tissupplimenta l-Artikolu*** 6***a*** ta' dan ir-Regolament ***biex tiddefinixxi l-karatteristiċi tal-ġenotipi, il-fenotipi, u l-karatteristiċi ta' konformità eċċessivi li jenħtieġ li jiġu eskluży mir-riproduzzjoni,*** sabiex l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi li għandhom effetti detrimentali fuq is-saħħa jew il-benesseri tal-klieb u l-qtates. ***Fil-kuntest ta' spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet estetiċi, wara li jitqiesu kemm l-opinjoni xjentifika tal-EFSA kif ukoll iċ-ċirkostanzi soċjali u ekonomiċi speċifiċi tas-settur, l-atti delegati jenħtieġ li jirriflettu approċċ progressiv u bbilanċjat, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni proporzjonata u li tista' tinkiseb fil-prattika."***

Emenda 48

Proposta għal regolament
Premessa 52 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– l-Artikolu 17(5) biex jispeċifika l-informazzjoni li	***imħassar***

għandha tiġi pprovduta mill-fornituri bħala prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates, kemm f'każijiet fejn dawn jiġu offruti permezz ta' pjattaformi online kif ukoll b'mezzi oħrajn;

Emenda 49

Proposta għal regolament
Premessa 52 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– l-Artikolu 21(5) biex tiġi stabbilita proċedura għar-rikonoxximent mill-Unjoni ta' ekwivalenza tal-kundizzjonijiet li taħthom il-klieb u l-qtates jitnisslu u jinżammu fi stabbilimenti f'pajjiż terz li jkollu l-ħsieb li jesporta l-annimali lejn l-Unjoni, bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward l-istabbilimenti.	***imħassar***

Emenda 50

Proposta għal regolament
Premessa 53a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(53a)L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jqajmu kuxjenza dwar il-benessri tal-annimali u l-kura responsabbli tal-annimali.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Huwa essenzjali li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun soġġetta għal monitoraġġ u evalwazzjoni regolari sabiex tkun tista' tiġi aġġustata biex jinkisbu l-impatti mistennija. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fih obbligu għall-Kummissjoni li twettaq monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates fl-Unjoni u li twettaq evalwazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lil istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni.	(55) Huwa essenzjali li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun soġġetta għal monitoraġġ u evalwazzjoni regolari sabiex tkun tista' tiġi aġġustata biex jinkisbu l-impatti mistennija. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fih obbligu għall-Kummissjoni li twettaq monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates fl-Unjoni u li twettaq evalwazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lil istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni. ***L-evalwazzjoni jenħtieġ li tevalwa l-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi li seħħew, inklużi l-mezzi ta' identifikazzjoni tal-klieb jew qtates u l-possibbiltà li jintużaw mezzi alternattivi li huma anqas invażivi mill-impjantazzjoni ta' transponder. L-evalwazzjoni jenħtieġ li tiggarantixxi wkoll il-karattru robust u reżistenti għall-frodi tas-sistema ta' traċċabbiltà tal-Unjoni, kif ukoll il-proporzjonalità tal-kost tal-identifikazzjoni għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi soġġetti għall-obbligu ta' identifikazzjoni skont dan ir-Regolament.***

Emendi 282 u 311

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates ***imqiegħda fis-suq tal-Unjoni*** jew ***fornuti fl-Unjoni***.	(b) għat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates ***imnissla jew miżmuma fl-Unjoni*** jew ***imqiegħda fis-suq tal-Unjoni***.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma ***u*** għat-tqegħid fis-suq ***tal-klieb*** u ***l-qtates, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni***.	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma***,*** għat-tqegħid fis-suq u ***għad-dħul fl-Unjoni tal-klieb u l-qtates***.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi.	2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi ***jew għal provi kliniċi meħtieġa għall-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji***.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:
	– persuni fiżiċi li jrabbu klieb jew qtates għat-tgawdija personali jew familjari u għall-kumpanija, u li jħallu lil tali annimali jirriproduċu, b'limitu massimu ta' boton wieħed għal kull speċi għal kull unità domestika, għal kull 18-il

xahar, mingħajr ma jqegħduhom fis-suq;

– u għall-azjendi agrikoli, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti taħt l-Artikolu 5.

Emenda 284

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Minkejja l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżiti relatati mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 17 għandhom japplikaw għall-klieb u l-qtates kollha miżmuma taħt ir-responsabbiltà ta' persuni fiżiċi.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. "Klieb li jwettqu attivitajiet speċifiċi, ta' xogħol jew professjonali": tfisser dawk l-annimali li, wara li ntgħażlu għall-kwalitajiet fiżiċi, istintivi u temperamentali tagħhom, huma mħarrġa biex jgħinu lin-nies f'attività regolata jew f'kompitu speċifiku, bħal dawk użati għal skopijiet ta' kaċċa, ta' xogħol, ta' ragħa, ta' salvataġġ, ta' assistenza jew ta' sport jew dawk użati minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll annimali gwida, klieb

	gwida jew annimali maħsuba għaż-żooterapija li ġew imħarrġa f'ċentri jew minn professjonisti speċjalizzati biex jappoġġjaw, jiggwidaw u jassistu persuni b'diversitajiet funzjonali;

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. "tnissil" tfisser l-attività ta' żamma ta' klieb jew qtates fi stabbilimenti tat-tnissil għall-fini ta' riproduzzjoni;

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. "reklamar" tfisser kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni li għandha l-effett dirett jew indirett li tippromwovi kelb jew qattus sabiex tattira interess, involviment jew bejgħ, inkluża l-promozzjoni ta' razza jew karatteristika fiżika;

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha ***annimal***	4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha ***l-klieb u l-***

jinżamm jew jiġi ttrattat fi stabbiliment;	***qtates jinżammu, jabitaw, jiġu detenuti jew ittrattat*** fi stabbiliment ***jew taħt ir-responsabbiltà ta' operatur***;

Emenda 303

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "tqegħid fis-suq" tfisser ***iż-żamma ta' klieb u qtates għall-fini ta'*** bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà ***għall-annimal***, ***li huwa*** bi ħlas ***jew mill-inqas rimborż tal-kostijiet imġarrba***, ***inkluż*** ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;	5. "tqegħid fis-suq" tfisser bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà, ***kemm jekk*** bi ħlas ***u kemm jekk mingħajr ħlas, minbarra d-donazzjonijiet okkażjonali u irregolari ta' għadd żgħir ta' klieb u ta' qtates minn persuni fiżiċi b'mezzi oħra għajr permezz tal-intermedjazzjoni ta' pjattaforma online***, ***kif ukoll*** ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "forniment" tfisser it-trasferiment tas-sjieda jew tar-responsabbiltà għall-klieb jew għall-qtates permezz ta' kwalunkwe mezz jew forma, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, eskluż l-provvisti okkażjonali minn persuni fiżiċi ta' klieb jew qtates b'mezzi oħrajn għajr permezz tal-intermedjazzjoni ta' pjattaforma online;	***imħassar***

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. “pjattaformi online” tfisser pjattaforma online, kif iddefinita fl-Artikolu 3, il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2022/2065, li tagħmilha ta’ intermedjarju għat-tqegħid fis-suq ***jew għall-forniment*** tal-klieb ***u l-qtates***;	7. “pjattaformi online” tfisser pjattaforma online, kif iddefinita fl-Artikolu 3, il-punt (i)***,*** tar-Regolament (UE) 2022/2065, li tagħmilha ta’ intermedjarju għat-tqegħid fis-suq tal-klieb ***jew tal-qtates***;

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. “elenkar” tfisser il-pubblikazzjoni, fuq pjattaforma online, ta’ reklam għall-forniment ta’ kelb jew qattus;	***imħassar***

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. “kelb li jgħasses il-bhejjem” tfisser kelb li primarjament miżmum jew imħarreġ biex jimmaniġġja, iċaqlaq, jew jikkontrolla l-bhejjem f’ambjenti agrikoli jew pastorali, inklużi azjendi agrikoli, żoni tar-ragħa, jew waqt it-trasport;

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. “stabbilimenti” tfisser stabbilimenti tat-tnissil, santwarji tal-annimali u ***ħwienet tal-annimali tad-dar***;	11. “stabbilimenti” tfisser stabbilimenti tat-tnissil, ***stabbilimenti tal-bejgħ,*** santwarji tal-annimali u ***foster homes***;

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. “stabbilimenti tat-tnissil” tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb ***u l-qtates*** jinżammu għal finijiet ta’ riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;	12. “stabbilimenti tat-tnissil” tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb ***jew il-qtates*** jinżammu għal finijiet ta’ riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. “azjenda agrikola tfisser azjenda agrikola skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1091 li mhijiex stabbiliment tat-tnissil kif definit f’dan ir-Regolament;

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. ***“ħwienet tal-annimali tad-dar”*** tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb ***u*** l-qtates jinżammu għall-bejgħ ***bħala annimali tad-dar,*** mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk;	13. ***“stabbilimenti tal-bejgħ”*** tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb ***jew*** l-qtates jinżammu għall-bejgħ mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk;

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. ***“santwarji tal-annimali”*** tfisser kwalunkwe bini jew struttura, ***minbarra*** l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu klieb ***u*** qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta’ ***forniment, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ebda kost***;	14. ***“santwarji”*** tfisser kwalunkwe bini jew struttura, ***inklużi*** l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu klieb ***jew*** qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta’ ***tqegħid fis-suq***;

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. “foster home” tfisser unità domestika li żżomm il-klieb jew qtates f’isem operatur responsabbli għal klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati;

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika***, minbarra dawk*** responsabbli ***għas-santwarji***, li ***tnissel, iżżomm, tikkummerċjalizza*** jew ***tqiegħed fis-suq*** klieb u qtates ***taħt il-kontroll tagħha***, ***inkluż għal perjodu ta' żmien limitat***;	15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***li tqiegħed il-klieb u l-qtates fis-suq u li hija*** responsabbli ***għal stabbiliment tat-tnissil***, ***stabbiliment tal-bejgħ jew santwarju jew*** li ***hija responsabbli għall-klieb*** jew ***qtates miżmuma fihom, jew li hija responsabbli għal*** klieb u qtates ***mhux mixtieqa, abbandunati***, ***li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati u tpoġġihom f'foster homes***;

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. "fornitur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tforni kelb jew qattus, inklużi persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji;	***imħassar***

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	18a. "l-ewtanażja" tfisser l-att li jwassal għall-mewt taħt anestesija u analġeżija fit-tul bi prodotti mediċinali,

	b'metodu li jikkawża t-telf rapidu u irriversibbli tas-sensi bl-anqas uġigħ u distress lil annimal;

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi ***u għajr l-isterilizzazzjoni jew l-impjantazzjoni ta' transponder***, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam ***ta' kelb jew qattus***;

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	19a. "Sterilizzazzjoni" tfisser il-proċess li bih il-klieb jew il-qtates huma prevenuti b'mod kirurġiku milli jirriproduċu, inkluż permezz tat-tneħħija kirurġika tal-gonadi, jiġifieri t-testikoli fil-qtates u l-klieb irġiel u l-ovarji jew l-ovarji kif ukoll l-utru fil-klieb u l-qtates femminili;

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	19b. “Sterilizzazzjoni mhux kirurġika” tfisser alternattivi għall-isterilizzazzjoni kirurġika li jippreservaw l-integrità tal-ġisem tal-kelb jew tal-qattus u li ma jirriżultawx fit-tneħħija jew fit-tibdil permanenti ta’ xi parti tal-ġisem tal-kelb jew tal-qattus;

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
20. “tbatija” tfisser stat fiżiku jew mentali mhux pjaċevoli u mhux mixtieq, li huwa r-riżultat li annimal jiġi espost għal stimuli noċivi jew in-nuqqas ta’ stimuli pożittivi importanti;	20. “tbatija” tfisser stat fiżiku jew mentali mhux pjaċevoli u mhux mixtieq, li huwa r-riżultat li annimal jiġi espost għal stimuli noċivi jew in-nuqqas ***kontinwu*** ta’ stimuli pożittivi importanti;

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
21. “abitazzjoni” tfisser bini jew spazju ta’ barra delimitat fi stabbilimenti fejn jinżammu l-klieb u l-qtates;	21. “abitazzjoni” tfisser bini jew spazju ta’ barra delimitat fi stabbilimenti fejn jinżammu l-klieb u l-qtates ***kemm jekk b’mod temporanju jew permanenti***;

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
22. “post fejn jinżammu l-klieb” tfisser struttura fiżika li jkun fiha kompartiment magħluq ***individwali*** wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-klieb;	22. “post fejn jinżammu l-klieb” tfisser struttura fiżika li jkun fiha kompartiment magħluq wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-klieb;

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. “post fejn jinżammu l-qtates” tfisser struttura fiżika li fiha kompartiment magħluq ***individwali*** wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-qtates;	23. “post fejn jinżammu l-qtates” tfisser struttura fiżika li fiha kompartiment magħluq wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-qtates;

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
24. “persuna li tieħu ħsieb l-annimali” tfisser persuna li tieħu ħsieb il-klieb u l-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbiliment;	24. “persuna li tieħu ħsieb l-annimali” tfisser persuna li tieħu ħsieb il-klieb u l-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbiliment ***inkluż voluntiera, apprendisti u ħaddiema part-time***;

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. “irbit” tfisser l-irbit ta’ annimal ma’ punt ta’ ankrar biex jinżamm f’żona mixtieqa;	26. “irbit” tfisser l-irbit ta’ annimal ma’ punt ta’ ankrar ***jew ma’ oġġett*** biex jinżamm f’żona

	mixtieqa ***jew biex jiġi ristrett iċ-ċaqliq tiegħu***;

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. “kontenitur” tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura ***riġida oħra*** użata biex jiġu ristretti l-klieb ***u l-qtates***;	27. “kontenitur” tfisser kwalunkwe ***gaġġa,*** ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura ***mobbli*** użata biex jiġu ristretti l-klieb ***jew il-qtates***;

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. “annimal tad-dar” tfisser kelb jew qattus maħsub biex jinżamm f’unità domestika għat-tgawdija privata u għall-kumpanija;	***imħassar***

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
29. “sjieda responsabbli” tfisser l-impenn ta’ sid ta’ kelb jew qattus jew sid futur ta’ kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta’ ***mġiba***, ambjentali u fiżiċi tal-kelb jew tal-qattus, u li ***jipprevjeni*** r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista’ joħloq għall-komunità, għal annimali oħrajn	29. “sjieda responsabbli” tfisser l-impenn ta’ sid ta’ kelb jew qattus jew sid futur ta’ kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta’ ***saħħa, imġiba***, ambjentali u fiżiċi tal-kelb jew tal-qattus, u li ***jnaqqas*** r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista’ joħloq għall-komunità, għal annimali

jew għall-ambjent.	oħrajn jew għall-ambjent.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-kapitolu ma għandux japplika għal:	***Bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5,*** dan il-kapitolu ma għandux japplika għal:

Emenda 304

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ***stabbilimenti*** tat-tnissil ***li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili*** u ***li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;***	– ***stabbiliment*** tat-tnissil ***fejn jiġu prodotti mhux aktar minn żewġt ibtan kull sena kalendarja għat-tqegħid fis-suq għandu jkun soġġett biss għall-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Artikolu 6(1), (1a) u (1b), l-Artikoli 6a, 7 u 8, l-Artikolu 11(2), (3) u (4), l-Artikolu 12(3), (4)*** u ***(7), l-Artikolu 13(2), il-punti (b), (c) u (d), l-Artikolu 14(2), (3), (4) u (5), l-Artikolu 15 u l-Artikolu 15a(1).***

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew anqas	***imħassar***

jew sitt qtates jew anqas;

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– foster homes li fi kwalunkwe ħin ikollhom ħamest iklieb jew anqas jew għaxart iqtates jew anqas.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prinċipji ġenerali tal-benesseri	Prinċipji tal-benesseri ġenerali

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi u l-persuni ***fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin fir-rigward tal-klieb ***u l-qtates*** imnissla jew miżmuma fl-istabbiliment tagħhom:	L-operaturi u l-persuni ***li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom japplikaw il-prinċipji ***tal-benesseri*** li ġejjin fir-rigward tal-klieb ***jew tal-qtates*** imnissla jew miżmuma fl-istabbiliment tagħhom:

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba.	(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba u xierqa.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku ***tajjeb*** li jkun komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura u ***faċilità*** tal-moviment.	(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku ***xieraq u nadif*** li jkun ***sigur u*** komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, ***kwalità tal-arja,*** temperatura***, dawl, protezzjoni kontra kundizzjonijiet klimatiċi avversi*** u ***libertà*** tal-moviment***, biex jiġi evitat l-affollament***.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti l-mard, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar jew il-mutilazzjonijiet.	(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti l-mard, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar***, il-prattiki ta' tnissil*** jew il-mutilazzjonijiet.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb u l-qtates jinżammu b'mod li jottimizza l-istat mentali tagħhom billi jipprevjeni jew inaqqas l-esperjenzi negattivi tagħhom ***fil-ħin*** u fl-intensità, kif ukoll billi jimmassimizza l-opportunitajiet għal esperjenzi pożittivi ***fil-ħin*** u fl-intensità fid-dominji differenti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d).	(e) il-klieb u l-qtates jinżammu b'mod li jottimizza l-istat mentali tagħhom billi jipprevjeni jew inaqqas l-esperjenzi negattivi tagħhom ***fid-durata*** u fl-intensità, kif ukoll billi jimmassimizza l-opportunitajiet għal esperjenzi pożittivi ***fid-durata*** u fl-intensità***, billi jipprevjeni milli tiżviluppa mġiba anormali, ripetittiva u mġiba oħra li tindika benesseri ħażin tal-annimali, u billi jqis il-ħtiġijiet tal-klieb u l-qtates*** fid-dominji differenti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d).

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti ġenerali tal-benesseri ***għall-klieb u l-qtates***	***Obbligi*** ġenerali tal-benesseri

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi u l-persuni ***fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom ikunu responsabbli għall-benesseri tal-klieb ***u*** tal-qtates miżmuma taħt il-kontroll tagħhom ***u għall-minimizzazzjoni ta'*** kwalunkwe riskju għall-benesseri tagħhom.	1. L-operaturi u l-persuni ***li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom ikunu responsabbli għall-benesseri tal-klieb ***jew*** tal-qtates miżmuma ***fl-istabbilimenti tagħhom u*** taħt il-kontroll tagħhom ***biex jimminimizzaw*** kwalunkwe

	riskju għall-benesseri tagħhom.
	Fil-każ tal-foster homes, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-operatur li f'ismu jinżammu l-klieb jew il-qtates. Tali operaturi għandhom jipprovdu lill-foster family b'informazzjoni adegwata dwar ir-rekwiżiti u l-obbligi tal-benesseri tal-annimali kif ukoll il-ħtiġijiet individwali tal-klieb jew tal-qtates, u għandhom jiżguraw u jivverifikaw li l-obbligi rilevanti stabbiliti minn dan ir-Regolament jiġu rrispettati fil-foster homes.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi m'għandhomx jissoġġettaw lil xi kelb jew qattus għal moħqrija, abbuż jew trattament ħażin, u lanqas m'għandhom inissluhom, iħarrġuhom jew jimmedikawhom biex jipparteċipaw f'attivitajiet li jirriżultaw f'moħqrija, abbuż jew trattament ħażin għall-kelb jew qattus stess jew għal klieb u qtates oħra, inkluż il-ġlied tal-klieb.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-operaturi u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali ma għandhomx jabbandunaw klieb jew qtates.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil għandhom jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi u f'fenotipi li jkollhom effetti ta' detriment fuq il-benesseri tal-klieb u l-qtates, jew tad-dixxendenti tagħhom.	***imħassar***
Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.	
Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb u qtates brakiċefaliċi sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi.	

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw dan l-artikolu fir-rigward tal-kriterji speċifiċi li l-operaturi għandhom jissodisfaw meta jiddisinjaw strateġiji tat-tnissil biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif ukoll l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali.	***imħassar***

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Obbligi tal-istrateġiji tat-tnissil
	1. L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil għandhom jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil tagħhom jagħtu prijorità lis-saħħa u lill-benessri tal-annimal, jimminimizzaw ir-riskju li jipproduċu klieb jew qtates b'ġenotipi jew fenotipi assoċjati ma' effetti detrimentali fuq il-benesseri tagħhom
	2. L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil ma għandhomx jużaw għar-riproduzzjoni klieb jew qtates li jkollhom karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi li

jwasslu għal riskju kbir ta' effetti detrimentali fuq il-benesseri ta' dawn il-klieb jew qtates, jew ta' wliedhom.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-karatteristiċi tal-ġenotipi u l-fenotipi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u l-karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li għandhom jiġu esklużi mir-riproduzzjoni, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif ukoll l-impatti soċjali u ekonomiċi. L-atti delegati li jirrigwardaw il-karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi għandhom jiġu adottati sal-1 ta' Lulju 2030.

4. Sakemm ma jkunx approvat mill-awtorità kompetenti abbażi ta' ħtieġa speċifika biex jiġu ppreservati razez lokali b'patrimonju ġenetiku limitat, it-tnissil bejn il-ġenituri u l-ulied, bejn l-aħwa, bejn l-aħwa minn ġenitur wieħed jew bejn in-nanniet u n-neputijiet għandu jkun ipprojbit fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-obbligu li jiġu nnotifikati t-tnissil jew iż-żamma tal-klieb u ***l-qtates fi stabbilimenti***	***Notifika*** u ***reġistrazzjoni tal-istabbilimenti***

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:	L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, billi jipprovdu ***mill-anqas*** l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ***ħanut tal-annimali tad-dar*** jew ***santwarju***;	(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ***stabbiliment tal-bejgħ, santwarju*** jew ***foster home***;

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd massimu ta' ***annimali*** li jistgħu jinżammu fl-istabbiliment***;***	(e) ***il-kapaċità tal-istabbiliment espressa bħala*** l-għadd massimu ta' ***klieb u qtates*** li jistgħu jinżammu fl-istabbiliment***.***

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar:
	(a) kwalunkwe bidla li tirrigwarda l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1;
	(b) kwalunkwe waqfien tal-attività u barra minn hekk jispeċifikaw skadenza sa meta l-attività trid tingħalaq, li għandha tkun mhux aktar tard minn xahar wara l-waqfien, u jipprovdu wkoll informazzjoni dwar id-destin tal-annimali;
	Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa skont dan l-Artikolu, l-operaturi mhumiex meħtieġa jerġgħu jinnotifikaw dwar l-informazzjoni diġà sottomessa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 84(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.
	L-awtorità kompetenti għandha żżomm reġistru tal-istabbilimenti u tista' tuża, għal dan l-għan, ir-reġistru previst fil-punt (a) tal-Artikolu 101(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Approvazzjoni tal-istabbilimenti tat-tnissil
	1. L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil għandhom iqiegħdu l-klieb jew il-qtates fis-suq biss wara li l-istabbiliment tagħhom ikun ġie approvat mill-awtorità kompetenti.
	2. L-awtorità kompetenti għandha twettaq spezzjonijiet fil-post biex tivverifika li l-istabbiliment jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali spezzjonijiet jitwettqu mill-bogħod dment li l-mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod użati jipprovdu biżżejjed evidenza biex l-awtorità kompetenti twettaq spezzjonijiet affidabbli. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' approvazzjoni biss lil stabbiliment tat-tnissil li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
	3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu lista tal-istabbilimenti tat-tnissil approvati u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta*** l-operaturi ***u l-***	1. L-operaturi għandhom

persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji jqiegħdu fis-suq jew ifornu l-klieb jew il-qtates għall-finijiet li dawn jinżammu bħala annimali tad-dar, dawn għandhom jipprovdu lill-akkwirent ***tal-annimal tad-dar l-informazzjoni*** meħtieġa biex ikun jista' jiżgura l-benesseri ***tal-annimal***, inkluża informazzjoni dwar sjieda responsabbli.	jipprovdu lill-akkwirent ***ta' kelb jew qattus*** l-informazzjoni ***bil-miktub*** meħtieġa biex ikun jista' jiżgura l-benesseri ***tal-kelb jew qattus*** inkluża informazzjoni dwar sjieda responsabbli ***u dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kelb jew qattus fir-rigward ta' ikel, kura, saħħa, ħtiġijiet tal-abitazzjoni u tal-imġiba***, ***kif ukoll informazzjoni dwar is-saħħa tiegħu, inkluż l-istatus tat-tilqim***.

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta ***l-forniment*** tal-klieb u l-qtates ***jiġi rreklamat*** permezz ta' ***mezzi*** online***, il-lista għandha turi***, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa***, it-twissija li ġejja***:	2. Meta ***l-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jirreklamaw it-tqegħid fis-suq*** tal-klieb u l-qtates***,*** permezz ta' ***pjattaformi*** online ***għandha tintwera mill-inqas it-twissija li ġejja***, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa:

Emenda 288

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-forniment tal-klieb u l-qtates jiġi rreklamat permezz ta' mezzi online, il-lista għandha turi, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa, it-twissija li ġejja:	2. Meta l-forniment tal-klieb u l-qtates jiġi rreklamat permezz ta' mezzi online, il-lista għandha turi, b'karattri viżibbli b'mod ċar u b'tipa grassa, it-twissija li ġejja:
"***Annimal*** mhuwiex ġugarell. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja. Bħala sid ta' annimal, inti obbligat tiżgura li l-ħtiġijiet	***"Annimal*** mhuwiex ġugarell. Ix-xiri jew l-adozzjoni ta' annimal hija deċiżjoni li tibdel il-ħajja. Bħala sid ta' annimal, inti obbligat tiżgura li l-ħtiġijiet ***tas-***

kollha għas-saħħa u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin."	***saħħa*** u l-benesseri tiegħu jiġu ssodisfati f'kull ħin. ***Min jieħu ħsieb annimal jeħtieġ riżorsi finanzjarji. Huwa pprojbit li tabbanduna l-annimal ladarba jkun fil-kura tiegħek."***

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali għandu jkollhom il-kompetenzi li ġejjin fir-rigward tal-klieb u l-qtates li jkunu qed jimmaniġġaw:	1. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali***, bl-eċċezzjoni ta' voluntiera u interns taħt superviżjoni*** għandu jkollhom il-kompetenzi li ġejjin fir-rigward tal-klieb u l-qtates li jkunu qed jimmaniġġaw:

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***il-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni li għandhom jittieħdu f'każijiet bħal dawn;	(b) il-kapaċità li jirrikonoxxu l-espressjonijiet tagħhom inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija u li jidentifikaw ***u jieħdu l-miżuri*** xierqa ta' mitigazzjoni li għandhom jittieħdu f'każijiet bħal dawn;

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-	(c) il-kapaċità li japplikaw prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-

annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li jimminimizzaw kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali;	annimali, li jużaw u jieħdu ħsieb it-tagħmir użat għall-ispeċi indukrati minnhom u li jimminimizzaw kwalunkwe riskju għall-benesseri tal-annimali***, u jipprevjenu t-tbatija***;

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Żjarat għall-benesseri ***tal-annimali***	Żjarat ***konsultattivi*** għall-benesseri

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom:	1. L-operaturi għandhom:

Emenda 277

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara minn veterinarju, bl-iskop li jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex ***jiġi indirizzat kwalunkwe fattur*** ta' riskju ***għall-benesseri tal-annimali***;	(a) jiżguraw li ***sa ...[sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] jew fl-ewwel sena mid-data tan-notifika ta' stabbiliment ġdid,*** l-istabbilimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom jirċievu, mill-inqas darba fis-sena, żjara ***għal għarrieda*** minn veterinarju ***uffiċjali, ingaġġat mill-awtorità kompetenti***, bl-iskop li

	jidentifika u jivvaluta kwalunkwe fattur ta' riskju għall-benesseri tal-annimali, jagħti pariri lill-operatur jew lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-santwarju dwar miżuri biex ***jiġu indirizzati r-riskji għall-benesseri tal-annimali, għas-saħħa u għall-ambjent u, jekk is-sejbiet jindikaw fatturi*** ta' riskju ***gravi, rapport lill-awtorità kompetenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 u żjara ta' segwitu fi żmien xahrejn***;

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jirreġistraw is-sejbiet*** taż-żjara tal-veterinarju msemmija fil-punt (a) u ***l-azzjonijiet*** ta' segwitu tagħhom u jżommu dawk ir-rekords għal mill-inqas 6 snin, u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.	(b) ***iżommu r-rekords tas-sejbiet*** taż-żjara tal-veterinarju msemmija fil-punt (a) u ***tal-azzjonijiet*** ta' segwitu tagħhom u jżommu dawk ir-rekords għal mill-inqas 6 snin, ***mill-ġurnata taż-żjara,*** u ***għandhom*** jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ***u għall-veterinarju li jżurhom*** fuq talba.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan l-Artikolu biex tistabbilixxi kriterji minimi ***li***	2. ***Sa [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu

għandhom jiġu vvalutati matul iż-żjarat ***tal-benesseri*** tal-annimali.	23 li jissupplimentaw dan l-Artikolu biex tistabbilixxi kriterji minimi ***biex il-veterinarju jidentifikata u jivvaluta l-fatturi ta' riskju*** matul iż-żjarat ***ta' konsulenza għall-benesseri*** tal-annimali***, inkluż dwar l-azzjonijiet ta' segwitu***.

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li l-klieb ***u l-qtates*** jintemgħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ***fil-punt 1 tal-Anness I u jistgħu, abbażi tal-parir bil-miktub ta' veterinarju jew ta' espert dwar in-nutrizzjoni tal-annimali, jaġġustaw il-frekwenzi tat-tmigħ previsti*** fil-punt 1 tal-Anness I.	1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb ***jew il-qtates*** jintemgħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness I.

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li l-klieb ***u l-qtates*** jintemgħu u jiġu idratati b'mod adegwat billi jipprovdu:	2. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb ***jew il-qtates*** jintemgħu u jiġu idratati b'mod adegwat billi jipprovdu:

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ilma ***tajjeb għax-xorb***, *ad libitum*;	(a) ilma ***nadif u frisk***, *ad libitum*;

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikel fi kwantità u kwalità suffiċjenti biex jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi, nutrizzjonali u metaboliċi u s-sens ta' xaba tal-klieb u l-qtates, bħala parti minn dieta adattata għall-età, ir-razza, il-kategorija, il-livell ta' attività u l-istat tas-saħħa tal-klieb u ***tal-qtates***;	(b) ikel fi kwantità u kwalità suffiċjenti biex jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi, nutrizzjonali u metaboliċi u s-sens ta' xaba tal-klieb u l-qtates, bħala parti minn dieta adattata għall-età, ir-razza, il-kategorija, il-livell ta' attività u l-istat tas-saħħa tal-klieb ***jew tal-qtates, bl-objettiv ġenerali li jkunu*** u ***li jinżammu b'saħħithom***;

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi u l-persuni ***fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet tal-ikel u tax-xorb jinbnew u jiġu installati ***b'mod*** li:	3. L-operaturi u l-persuni ***li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet tal-ikel u tax-xorb ***jinżammu nodfa u*** jinbnew u jiġu installati ***b'tali mod*** li:

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdu aċċess ugwali għall-klieb u l-qtates kollha***, u b'hekk jimminimizzaw il-kompetizzjoni bejniethom, jevitaw imġiba agonistika, b'mod partikolari fejn il-klieb u l-qtates ma jkollhomx aċċess ad libitum għall-ikel***;	(a) jipprovdu aċċess ugwali għall-klieb u l-qtates kollha;

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-operaturi jistgħu jaġġustaw il-frekwenza tal-ikel u tax-xorb, fejn jingħataw parir bil-miktub minn veterinarju biex jagħmlu dan. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-parir għat-tul kollu tiegħu kif rakkomandat mill-veterinarju.

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'abitazzjoni f'konformità mal-punt 2 tal-Anness I.	1. ***Minbarra persuni naturali jew fiżiċi responsabbli għas-santwarji,*** l-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'abitazzjoni f'konformità mal-punt 2 tal-Anness I.

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li:	2. L-operaturi għandhom jiżguraw li:

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***fejn l-annimali jinżammu*** fi stabbilimenti tat-tnissil ***jew fi ħwienet tal-annimali tad-dar, iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, il-livelli tat-trab***, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet ***tal-gass jinżammu f'limiti li*** ma humiex ta' ħsara għall-klieb ***u*** għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda ***u, fejn meħtieġ, flimkien mas-sistemi tat-tisħin, biex titneħħa l-indewwa eċċessiva***;	(c) fi stabbilimenti tat-tnissil ***u fl-istabbilimenti tal-bejgħ fejn il-klieb u l-qtates jinżammu ġewwa***, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjonijiet ma humiex ta' ħsara għall-klieb ***jew*** għall-qtates u li l-ventilazzjoni hija suffiċjenti biex tiġi evitata sħana żejda;

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi skont il-ħtiġijiet tagħhom***, bi spazju suffiċjenti għall-materjal u l-istrutturi ta' arrikkiment, possibbiltà għall-***	(d) il-klieb u l-qtates għandhom biżżejjed spazju biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u biex jesprimu mġiba speċifika għall-ispeċi skont il-ħtiġijiet tagħhom;

annimali li jissoċjalizzaw u jirtiraw, u postijiet ta' mistrieħ nodfa;

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iż-żamma tal-klieb jew tal-qtates f'kontenituri għandha tkun ipprojbita.	***L-operaturi ma għandhomx iżommu l-klieb jew il-qtates f'kontenituri***.

Emenda 289

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iż-żamma jew il-bejgħ tal-klieb jew tal-qtates fi ħwienet tal-annimali tad-dar għandhom ikunu pprojbiti.

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontenituri jistgħu jintużaw biss għat-trasport ***u*** għall-iżolament ***temporanju*** tal-klieb u ***l-qtates individwali*** dment li jiġi ***evitat l-istress minħabba temperaturi estremi***.	***Permezz ta' deroga,*** il-kontenituri jistgħu jintużaw biss għat-trasport***,*** għall-iżolament tal-klieb ***jew tal-qtates individwali għal żmien qasir*** u ***matul parteċipazzjoni fi spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet, għall-ġriewi jew għall-frieħ b'kapaċità ta' regolazzjoni termali mnaqqsa jew ġriewi jew frieħ flimkien ma' ommijiethom,*** dment li ***l-istress***

	jiġi ***minimizzat u l-klieb u l-qtates ikunu jistgħu jqumu bilwieqfa u jimteddu f'pożizzjoni naturali***.

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iż-żamma tal-klieb esklużivament ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra li tippermetti l-eżerċizzju u s-soċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, meta l-klieb jinżammu f'postijiet fejn jinżammu l-klieb, l-operaturi għandhom jiddisinjaw u jibnu kompartimenti magħluqa individwali biex jippermettu lill-klieb ikollhom aċċess liberu għal spazju ta' barra b'konfinament u spazju ta' ġewwa jew għal kamra individwali.	4. Iż-żamma tal-klieb esklużivament ġewwa għandha tkun ipprojbita. Il-klieb miżmuma ġewwa għandu jkollhom aċċess ta' kuljum għal żona fuq barra li tippermetti l-eżerċizzju***, l-esplorazzjoni*** u s-soċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, meta l-klieb jinżammu f'postijiet fejn jinżammu l-klieb, l-operaturi għandhom jiddisinjaw u jibnu kompartimenti magħluqa individwali biex jippermettu lill-klieb ikollhom aċċess liberu għal spazju ta' barra b'konfinament u spazju ta' ġewwa jew għal kamra individwali.

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil u tal-bejgħ għandhom jużaw, fejn meħtieġ, sistemi tat-tisħin jew tat-tkessiħ biex iżommu kwalità tajba tal-arja, temperatura xierqa fil-kompartimenti magħluqa ta' ġewwa fl-istabbilimenti tagħhom, u jneħħu l-indewwa

	eċċessiva.

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb ***u l-qtates ikollhom aċċess*** għad-dawl ***naturali f'kull ħin. Fejn meħtieġ, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi*** u ***l-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru, l-operaturi għandhom jipprovdu tidwil artifiċjali***.	7. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-klieb ***jew il-qtates ikunu esposti*** għad-dawl ***u jkunu jistgħu jibqgħu fid-dlam għal perjodi suffiċjenti*** u ***mingħajr interruzzjoni sabiex iżommu ritmu ċirkadjan normali***. ***Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "dawl" tfisser dawl naturali, ikkomplementat, fejn meħtieġ, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru b'dawl artifiċjali.***

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Dan l-Artikolu japplika minn [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	***imħassar***

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika għall-istabbilimenti tat-tnissil fejn jinżammu l-klieb kustodji tal-bhejjem matul il-perjodi meta dawn il-klieb ikunu qed jiġu mħarrġa għal skopijiet ta' ragħa.

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb u tal-qtates f'konformità mal-punt 3 tal-Anness 1.	***imħassar***

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi u l-persuni ***fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li:	2. L-operaturi u l-persuni ***li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li:

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb ***u l-qtates*** taħt ir-	(a) il-klieb ***jew il-qtates*** taħt ir-

responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas darba kuljum;	responsabbiltà tagħhom jiġu spezzjonati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali mill-inqas darba kuljum ***u klieb u qtates vulnerabbli, bħal dawk tat-twelid, klieb u qtates morda jew midruba, u klieb u qtates femminili peri-partum, jiġu spezzjonati aktar ta' spiss***;

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb jew il-qtates b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ***, jew inkella jiġu ewtanizzati mingħajr dewmien żejjed***;	(b) il-klieb jew il-qtates b'sinjali ta' mard, korriment jew benesseri kompromess mod ieħor jiġu ttrasferiti, fejn meħtieġ, mingħajr dewmien żejjed lejn żona separata, jiġu ttrattati minn veterinarju, fejn xieraq, u jinżammu hemm sakemm jirkupraw bis-sħiħ;

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju***.***	(c) ***meta, fil-każijiet imsemmija fil-punt (b), l-irkupru ma jkunx jista' jinkiseb u l-klieb jew il-qtates jesperjenzaw uġigħ jew tbatija severi li ma jistgħux jittaffew, u l-fatt li jinżammu ħajjin imur kontra r-regoli tal-benesseri tagħhom,*** l-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus issir biss minn veterinarju ***bil-kunsens minn***

	qabel tal-operatur;

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri ***li jinkludu mediċina veterinarja*** huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;	(d) miżuri huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' parassiti esterni u interni, inklużi trattamenti veterinarji preventivi***, bħat-tilqim,*** għall-prevenzjoni ta' mard komuni li x'aktarx ikunu esposti għalih il-klieb jew il-qtates b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika;

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-materjali ta' arrikkiment ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' ***korriment jew*** kontaminazzjoni ***bijoloġika jew*** kimika ***jew kwalunkwe riskju ieħor għas-saħħa***.	(e) il-materjali ta' arrikkiment ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' kontaminazzjoni kimika.

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jekk disponibbli, għandha tingħata informazzjoni rilevanti relatata mas-saħħa lill-akkwirent ta' kelb jew ta'

qattus, inkluża informazzjoni dwar it-tilqim, l-allerġiji, il-kundizzjonijiet tas-saħħa u dwar is-sjieda responsabbli f'konformità mal-Artikolu 8(1).

Il-punt (a) ma għandux japplika għall-istabbilimenti tat-tnissil fejn jinżammu l-klieb kustodji tal-bhejjem matul il-perjodi meta dawn il-klieb jintużaw għal skopijiet ta' ragħa jew ta' taħriġ.

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-ewtanażja ta' kelb jew ta' qattus fis-santwarji tal-annimali bħala soluzzjoni għall-ġestjoni tal-popolazzjoni hija pprojbita.

Emenda 148
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) il-kura tas-saħħa għall-annimali hija allinjata ma' approċċ "Saħħa Waħda", bħall-użu prudenti tal-antibijotiċi biex tiġi evitata r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR).

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi għandhom jiżguraw li:	L-operaturi ***responsabbli għall-istabbilimenti tat-tnissil u dawk li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom jiżguraw li:

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) il-miżuri biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-klieb jew tal-qtates, f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I;

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb ***u l-qtates*** femminili jiġu mgħammra biss jekk ikollhom età minima f'konformità ***mal-Anness*** I, ***il-punti 3.1 u 3.2,*** it-tkabbir skelettriku tagħhom ikun lest u ***jkunu ħielsa minn*** mard jew kundizzjonijiet fiżiċi li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq it-tqala u l-benesseri tagħhom;	(a) il-klieb ***jew il-qtates*** femminili jiġu mgħammra biss jekk ikollhom età minima f'konformità ***mal-punt 3 tal-Anness*** I, it-tkabbir skelettriku tagħhom ikun lest***,*** u ***m'għandhomx mard dijanjostikat, sinjal kliniku ta'*** mard jew kundizzjonijiet fiżiċi li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq it-tqala u l-benesseri tagħhom;

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tqaliet tal-klieb ***u l-qtates*** femminili li jagħtu ġriewi jew frieħ isegwu frekwenza massima;	(b) it-tqaliet tal-klieb ***jew tal-qtates*** femminili li jagħtu ġriewi jew frieħ isegwu frekwenza massima***, f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I***; ***;***

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe kelba ta' 8 snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar għandha, qabel ma tintuża għat-tnissil, tgħaddi minn eżami fiżiku minn veterinarju, biex jiġi kkonfermat bil-miktub li t-tqala tagħha mhux se toħloq xi riskju għall-benesseri tagħha, inkluża s-saħħa tagħha.	***imħassar***

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb u l-qtates ***femminili adulti*** li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati. ***L-operaturi għandhom ikomplu jiżguraw il-benesseri ta' dawk l-annimali f'konformità mar-Regolament.***	(e) il-klieb u l-qtates li ma għadhomx jintużaw għar-riproduzzjoni, inkluż bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ***jew jinżammu*** jew ***jinbiegħu, jingħataw bħala donazzjoni jew jingħataw dar ġdida,*** ma jinqatlux jew ma jiġux abbandunati.

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur għandu jżomm il-konferma bil-miktub imsemmija fil-punt (d) għal perjodu ta' mill-inqas 3 snin wara l-mewt tal-kelba jew tal-qattusa.	***imħassar***

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji jkollhom ir-riżultati tat-testijiet tas-saħħa ta' kelb jew ta' qattus jew rapporti ġenetiċi u dijanjożi tal-missier jew l-omm tal-annimal tad-dar inkwistjoni, dawn għandhom jaqsmu din l-informazzjoni mal-akkwirent tal-annimal.

Emenda 157
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan l-Artikolu għandu japplika minn [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	***imħassar***

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mġiba ***tal-qtates u tal-klieb*** f'konformità mal-punt 4 tal-Anness I.	1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mġiba ***tal-klieb jew tal-qtates*** f'konformità mal-punt 4 tal-Anness I.

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iż-żamma tal-klieb u tal-qtates f'żoni li jirrestringu l-movimenti naturali tagħhom għandha tkun ipprojbita, ħlief għat-twettiq tal-proċeduri jew tat-trattamenti li ġejjin:	2. Iż-żamma tal-klieb u tal-qtates f'żoni li jirrestringu l-movimenti naturali tagħhom għandha tkun ipprojbita, ħlief ***fil-każ tal-Artikolu 12(3), it-tieni subparagrafu, u*** għat-twettiq tal-proċeduri jew tat-trattamenti li ġejjin:

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) eżamijiet fiżiċi***, inkluża l-identifikazzjoni tal-annimali***;	(a) eżamijiet fiżiċi;

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***immarkar tal-annimali għal skopijiet*** ta' identifikazzjoni;	(b) ***identifikazzjoni individwali tal-klieb u tal-qtates u l-qari tal-informazzjoni*** ta' identifikazzjoni;

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-irbit ***fil-bini tal-istabbiliment għal aktar minn siegħa*** għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.	3. L-irbit għandu jkun ipprojbit, ħlief għad-durata ta' trattament mediku.

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-arrikkiment jiġi pprovdut u jkun aċċessibbli għall-klieb jew għall-qtates kollha, u b'hekk jinħoloq ambjent stimulanti, li jippermetti mġiba speċifika għall-ispeċijiet u jnaqqas il-frustrazzjoni tagħhom.

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-paragrafu 3 għall-klieb maħsuba għall-użu fis-servizzi militari, tal-pulizija u tad-dwana li jinżammu fi stabbilimenti tat-tnissil jew tal-bejgħ.

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inkluż il-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, ***l-amputazzjoni*** parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux ***minħabba*** indikazzjoni medika bl-iskop uniku li tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.	1. Għandhom jiġu pprojbiti l-mutilazzjonijiet, ***inklużi l-qtugħ*** tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, ***it-neħħija tad-dwiefer jew amputazzjoni oħra*** parzjali jew sħiħa tas-swaba' u t-tneħħija ta' kordi jew kurvaturi vokali, sakemm ma jitwettqux ***fuq*** indikazzjoni medika***, li tista' tinkludi raġunijiet profilattiċi, dijanjostiċi, u/jew ta' trattament,*** bl-iskop uniku li ***tiġi ppreservata, u*** tittejjeb is-saħħa tal-klieb u tal-qtates ***jew għall-prevenzjoni ta' korrimenti***. F'każ bħal dan, il-proċedura għandha titwettaq biss minn veterinarju taħt anesteżija u analġeżija fit-tul.

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-indikazzjoni medika għall-mutilazzjoni u d-dettalji

	tal-proċedura li għandha titwettaq għandhom jiġu dokumentati minn veterinarju. Dan id-dokument għandu jinżamm mill-operatur sakemm il-kelb jew il-qattus, flimkien ma' dan id-dokument, jiġu trasferiti lejn stabbiliment jew sid ieħor. L-operatur tal-istabbiliment responsabbli għall-kelb jew għall-qattus meta l-mutilazzjoni tkun twettqet mill-veterinarju għandu jżomm kopja tad-dokument għal tliet snin.
	Permezz ta' deroga, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-qtugħ tal-widnejn billi ssir talja jew tinqata' l-parti ta' fuq tal-widnejn tal-qtates fil-kuntest tal-immarkar ta' qtates li jgħixu fit-triq meta jiġu sterilizzati fl-ambitu tal-programmi ta' qbid u sterilizzazzjoni.

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-kastrazzjoni maskili u femminili għandha tkun permessa*** biss ***jekk titwettaq minn veterinarju*** taħt ***anesteżija*** u ***analġeżija*** fit-tul.	2. ***L-operaturi għandhom jiżguraw li l-isterilizzazzjoni ssir*** biss taħt ***l-anestesija*** u ***l-analġeżija*** fit-tul ***minn veterinarju***.
	Il-veterinarji jistgħu jikkunsidraw sterilizzazzjoni mhux kirurġika għall-isterilizzazzjoni, kull meta jkun xieraq.

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-prattiki ta’ trattament li ***ġejjin*** għandhom ikunu pprojbiti:	3. Il-prattiki ta’ trattament li ***jikkawżaw uġigħ jew tbatija*** għandhom ikunu pprojbiti:

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-użu fit-tul ta’*** sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta’ saħħa jew ta’ benesseri, f’liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.	(d) ***il-fatt li jintużaw*** sarimi, sakemm ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet ta’ saħħa jew ta’ benesseri, f’liema każ id-durata għandha tkun limitata għall-perjodu minimu meħtieġ.

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-irfigħ tal-klieb jew ***il-qtates*** mir-riġlejn, mir-ras, mid-denb ***u*** mill-pil.	(e) l-irfigħ tal-klieb jew ***tal-qtates*** mir-riġlejn, mir-ras, mid-denb***, mill-widnejn, mill-ġilda jew*** mill-pil.

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-użu ta’ kullari bil-ponot fuq ġewwa;

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) l-użu ta' kullari li jissikkaw mal-għonq mingħajr ma jkollhom mekkaniżmu biex ma jkunx hemm fgar;

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-paragrafu 3 għall-klieb maħsuba għall-użu f'servizzi militari, tal-pulizija u doganali.

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet estetiċi
	1. L-operaturi ta' stabbilimenti tat-tnissil jew tal-bejgħ ma għandhomx jużaw fi spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet estetiċi tal-klieb u tal-qtates, klieb jew qtates b'karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi jew klieb jew qtates li jkunu ġew mutilati b'tali mod li jirriżulta f'bidla fil-karatteristiċi fiżiċi.

	2. L-organizzaturi ta' spettakli, wirjiet u kompetizzjonijiet estetiċi tal-klieb u tal-qtates għandhom jeskludu minn tali klieb u qtates tal-ispettakli, tal-wirjiet u tal-kompetizzjonijiet li jkollhom karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi jew klieb jew qtates li jkunu ġew mutilati b'tali mod li jirriżulta f'bidla fil-karatteristiċi fiżiċi.

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ],*** il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fi stabbilimenti ***għall-forniment fl-Unjoni***, ***inklużi*** l-klieb u l-qtates ***adulti miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil, il-klieb u l-qtates miżmuma fis-santwarji, u l-klieb u l-qtates fornuti minn persuni fiżiċi, għandhom jiġu mmarkati għall-identifikazzjoni permezz*** ta' ***transponder taħt il-ġilda*** li ***jkun fih*** mikroċippa***, f'konformità mal-Anness II. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates li twieldu fl-istabbilimenti tagħhom*** ikunu ***mmarkati għall-identifikazzjoni sad-data tal-provvista tagħhom fl-Unjoni*** jew ***mhux aktar tard minn 3 xhur*** wara ***t-twelid tal-annimal. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju*** jew ***taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju***.	1. Il-klieb u l-qtates kollha miżmuma fi stabbilimenti, ***u*** l-klieb u l-qtates ***kollha mqiegħda fis-suq għandhom jiġu identifikati individwalment permezz ta' transponder taħt il-ġilda li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-Anness II. L-impjantazzjoni tat-transponder għandha ssir minn veterinarju jew taħt ir-responsabbiltà*** ta' ***veterinarju. Meta veterinarju jqis li l-impjantazzjoni ta' mikroċippa tista' tikkomprommetti b'mod sinifikanti s-saħħa tal-kelb jew tal-qattus, huwa jista' jdewwem l-impjantazzjoni tal-mikroċippa temporanjament sakemm il-problemi dwar is-saħħa tal-annimal ikunu jistgħu jiġu indirizzati kif xieraq. F'każ li kelb jew qattus ikun qed jesperjenza reazzjonijiet avversi sinifikanti wara l-impjantazzjoni tal-mikroċippa, il-veterinarju għandu jieħu l-azzjonijiet***

	kollha meħtieġa biex jiżgura s-saħħa tal-kelb jew tal-qattus, inkluża t-tneħħija tal-mikroċippa.

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi tal-istabbilimenti għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates imwielda fl-istabbilimenti tagħhom jiġu identifikati individwalment fi żmien 3 xhur wara t-twelid tagħhom u fi kwalunkwe każ qabel id-data tat-tqegħid tagħhom fis-suq.

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-operaturi tal-istabbilimenti tal-bejgħ u s-santwarji, u dawk responsabbli għal klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati li jidħlu fl-istabbiliment tagħhom jew li jaqgħu fir-responsabbiltà tagħhom għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu identifikati individwalment fi żmien 30 jum wara l-wasla tagħhom fl-istabbiliment u fi kwalunkwe każ qabel id-data tat-tqegħid fis-suq tagħhom.

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, għajr l-operaturi, li jqiegħdu fis-suq il-klieb jew il-qtates għandhom jiżguraw li dawn jiġu identifikati individwalment qabel id-data tat-tqegħid tagħhom fis-suq.

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Il-klieb u l-qtates li jkunu ġew identifikati individwalment permezz ta' transponder injettabbli li jkun fih mikroċippa, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali qabel [id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], għandhom jitqiesu konformi mar-rekwiżiti f'dan il-paragrafu, dment li l-mikroċippa tkun tista' tinqara.

Emenda 313

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1e) Minn... [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb kollha miżmuma għandhom jiġu

	identifikati individwalment f'konformità mal-paragrafu 1.
	Minn... [10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-qtates kollha miżmuma għandhom jiġu identifikati individwalment f'konformità mal-paragrafu 1.

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ]***, ***il-klieb u l-qtates identifikati*** f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju***, jew minn assistent taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju,*** f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. ***Għall-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti tat-tnissil***, ***ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tnissil responsabbli għall-kelb jew għall-qattus***. Għall-klieb u ***l-qtates*** miżmuma ***fis-santwarji***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem ***il-persuna*** responsabbli ***għas-santwarju***. Għall-persuni fiżiċi li ***għandhom l-intenzjoni li jfornu*** kelb jew qattus ***fl-Unjoni***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. ***Kwalunkwe sid sussegwenti tal-kelb*** jew ***tal-qattus***, jew ***persuna responsabbli għalih,*** għandha tiżgura li ***l-bidla*** fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19.	2. ***Fi żmien jumejn tax-xogħol wara l-identifikazzjoni tagħhom***, f'konformità mal-paragrafu 1***, il-klieb u l-qtates*** għandhom jiġu rreġistrati mill-veterinarju f'bażi tad-data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19. ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu r-reġistrazzjoni minn persuni oħra li mhumiex veterinarji, dment li jkollhom miżuri fis-seħħ biex jiżguraw l-akkuratezza tal-informazzjoni mdaħħla fil-bażi tad-data.*** Għall-klieb u ***għall-qtates*** miżmuma ***fi stabbilimenti***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem ***l-operatur tal-istabbiliment*** responsabbli ***għall-kelb jew għall-qattus***. Għall-persuni fiżiċi li ***jqiegħdu*** kelb jew qattus ***fis-suq***, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem dik il-persuna. ***F'każ ta' trasferiment tas-sjieda*** jew ***tar-responsabbiltà***, ***il-persuna fiżika*** jew ***ġuridika li tqiegħed il-kelb jew il-qattus fis-suq*** għandha tiżgura li ***kwalunkwe bidla*** fis-sjieda jew fir-responsabbiltà tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19***, fi żmien***

	ġimagħtejn mid-data tal-bidla tas-sjieda jew tar-responsabbiltà, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru responsabbli.

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fil-każ ta' mewt ta' kelb jew qattus miżmum fi stabbiliment, l-operatur għandu jiżgura li l-mewt tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru responsabbli għal dik il-bażi tad-data.

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-paragrafu 2 u 2a għall-klieb tal-militar, tal-pulizija u tad-dwana li jinżammu fi stabbilimenti.

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [3 snin mid-data tad-	***Qabel ma jqiegħdu kelb jew***

dħul fis-seħħ], ***qabel ma jforni kelb*** jew ***qattus fl-Unjoni, il-fornitur għandu jipprovdi*** lill-akkwirent tal-annimal:	***qattus fis-suq***, ***l-operaturi jew il-persuni fiżiċi*** jew ***ġuridiċi li jqiegħdu l-kelb jew il-qattus fis-suq għandhom jipprovdu*** lill-akkwirent tal-annimal:

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ***tal-annimal*** f'konformità mal-paragrafi 1 u 2;	(a) prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ***ta' kelb jew qattus*** f'konformità mal-paragrafi 1 u 2***, u weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6***;

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ***tal-annimali fornuti*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 7.	L-akkwirenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ***tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq*** permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 7.

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-forniturі ta' pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u	Il-forniturі ta' pjattaformi online għandhom jiżguraw li l-interfaċċa online tagħhom tkun iddisinjata u organizzata b'mod li ***jiffaċilita lill-operaturi jew lill-persuni***

organizzata b’mod li ***tippermetti lill-fornituri tal-klieb u l-qtates*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, f’konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b’mod viżibbli, bil-possibbiltà li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ***tal-annimal*** permezz ta’ weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.	***fiżiċi jew ġuridiċi oħra li jqiegħdu l-klieb jew il-qtates fis-suq biex*** jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3, ***u l-Artikolu 8, il-paragrafu 2,*** f’konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u għandhom jinformaw lill-akkwirenti, b’mod viżibbli, bil-possibbiltà li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ***tal-kelb jew tal-qattus*** permezz ta’ weblink għas-sistema msemmija fil-paragrafu 6.

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur tal-klieb u l-qtates għandu jkun l-uniku wieħed responsabbli għall-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta permezz tal-interfaċċa tal-pjattaforma online. Xejn f’dan il-paragrafu ma għandu jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu ta’ monitoraġġ ġenerali fuq il-fornitur tal-pjattaforma online skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/2065.	***Il-persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed il-klieb jew il-qtates fis-suq għandha tkun l-unika waħda*** responsabbli għall-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta permezz tal-interfaċċa tal-pjattaforma online. Xejn f’dan il-paragrafu ma għandu jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu ta’ monitoraġġ ġenerali fuq il-fornitur tal-pjattaforma online skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li	***imħassar***

jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-fornituri bħala prova tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal f'konformità mal-paragrafu 3(a), kemm f'każijiet fejn il-klieb u l-qtates jiġu offruti permezz ta' pjattaformi online kif ukoll b'mezzi oħrajn. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ],*** il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates ***fornuti,*** bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:	6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li sistema ***online*** li twettaq iċċekkjar awtomatizzat tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb jew tal-qtates ***imqiegħda fis-suq*** bl-użu tal-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 19, tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' din is-sistema lil entità indipendenti***, wara proċess ta' għażla pubblika, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046***. Is-sistema għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li ***jispeċifikaw l-aspetti li ġejjin tas-sistema msemmija fil-paragrafu 6***:	Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li ***jistabbilixxu***:

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) abbażi tal-kontenut tal-bażijiet tad-data msemmija fl-Artikolu 19(3), il-punt a, l-informazzjoni eżatta li għandha tiġi pprovduta mill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jqiegħdu l-klieb jew il-qtates fis-suq, bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb u tal-qtates f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 3, kemm f'każijiet meta l-klieb u l-qtates jiġu offruti permezz ta' pjattaformi online, kif ukoll b'mezzi oħra;

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– il-kategoriji ta' data personali li jsiru disponibbli għall-persuna li twettaq verifika matul il-verifika tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni, li għandhom

ikunu limitati għal dawk strettament meħtieġa biex tkun tista' ssir tali verifika.

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) l-aspetti li ġejjin tas-sistema msemmija fil-paragrafu 6:
	- il-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema;

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (a) għandhom jiġu adottati sa [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-punt (b) għandu jiġi adottat sa [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) għall-iżgurar li l-veterinarji u professjonisti rilevanti oħra jirċievu taħriġ

dwar l-aħjar prattiki f'dak li huwa benesseri tal-annimali, inkluż dwar id-detezzjoni u r-rapportar ta' ksur tal-benesseri, inklużi prattiki li jikkawżaw uġigħ, kif stabbilit fl-Artikolu 15, f'konformità mal-prinċipji "Saħħa Waħda".

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) għall-iżgurar li l-operaturi, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli mis-santwarji, il-foster homes u s-santwarji temporanji, dawk li jieħdu ħsieb l-annimali u l-veterinarji jirċievu taħriġ regolari u adegwat u ċertifikati għat-tlestija tal-korsijiet ta' taħriġ imsemmija fil-punt (a);

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) għall-iżgurar li jkunu disponibbli korsijiet ta' shelter medicine, inklużi dawk b'enfasi fuq is-saħħa tal-merħla, għall-veterinarji;

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ad (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ad) għall-iżgurar li l-ħarrieġa u l-handlers tal-klieb maħsuba għas-servizzi militari, tal-pulizija u tad-dwana jirċievu taħriġ regolari fi ħdan u preferibbilment madwar l-Istati Membri sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom, speċjalment dwar il-kundizzjonament tal-operant u r-rinfurzar pożittiv, dwar ix-xjenza komportamentali u l-prinċipji tal-benesseri, u dwar il-ġestjoni tal-istress kemm għall-klieb, kif ukoll għall-handlers;

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) għall-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-assoċjazzjonijiet veterinarji, u l-istituzzjonijiet edukattivi biex jiġu żviluppati u promossi programmi ta' taħriġ ta' kwalità għolja u fit-tul ibbażati fuq ix-xjenza għall-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali u għall-professjonisti veterinarji, filwaqt li jiżdiedu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji rilevanti u s-sinerġiji bejn il-kampanji ta' informazzjoni.

Emenda 202

Proposta għal regolament
Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Kampanji nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq u leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq
	1. L-Istati Membri huma mħeġġa jibdew u jimplimentaw kampanji nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni attwali dwar il-protezzjoni u l-benesseri tal-klieb u tal-qtates. Dawn il-kampanji jridu jkunu mmirati kemm lejn is-sidien tal-annimali kif ukoll lejn il-pubbliku ġenerali, sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-obbligi legali u l-aħjar prattiki fejn tidħol il-kura tal-annimali.
	2. Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti b'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-annimali, veterinarji u entitajiet rilevanti oħra. L-informazzjoni li tiġi kkomunikata għandha tinkludi:
	(a) l-obbligi legali tal-persuni li jżommu l-annimali tad-dar;
	(b) ir-responsabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-awtoritajiet lokali fil-ġestjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq, kif ukoll l-azzjonijiet li għandhom jieħdu għall-prevenzjoni tal-abbandun;
	(c) il-passi li għandhom jittieħdu jekk persuna ssib

	annimal mitluf jew abbandunat, inkluż li tikkuntattja s-servizzi veterinarji, is-santwarji tal-annimali jew il-pulizija lokali;
	(d) dikjarazzjoni tal-importanza tal-adozzjoni responsabbli u l-isterilizzazzjoni biex titnaqqas il-popolazzjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq.
	3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament nazzjonali jew reġjonali għal dawn il-kampanji u jistgħu jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-media tal-massa u l-istabbilimenti edukattivi bil-ħsieb li l-informazzjoni tkompli tinxtered.
	4. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

Emenda 203

Proposta għal regolament
Artikolu 18b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18b
	Miżuri għall-prevenzjoni tal-abbandun u l-promozzjoni tal-isterilizzazzjoni tal-klieb u l-qtates
	1. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jadottaw miżuri konkreti biex jipprevjenu l-abbandun tal-klieb u l-qtates, inkluż permezz tal-edukazzjoni pubblika, billi joħolqu sensibilizzazzjoni dwar sjieda responsabbli u permezz tal-

infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

2. Biex jitnaqqas l-għadd ta' annimali li jgħixu fit-triq, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jidentifikaw u jużaw sorsi nazzjonali u privati ta' finanzjament għal:

(a) kampanji ta' sterilizzazzjoni bla ħlas jew issussidjati għall-klieb u l-qtates li jgħixu fit-triq u għall-annimali tad-dar li jappartjenu għal persuni b'introjtu baxx jew organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-annimali;

(b) programmi għar-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni ta' annimali tad-dar, inkluż permezz ta' mikroċippjar, biex jiffaċilitaw l-adozzjoni u r-ritorn tal-annimali mitlufa lis-sidien tagħhom u jipprevjenu l-abbandun;

(c) azzjonijiet biex tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni u biex il-popolazzjoni tiġi edukata dwar ir-responsabbiltà taż-żamma ta' annimal tad-dar u l-effetti negattivi tal-abbandun fuq il-benesseri tal-annimali u fuq il-komunitajiet.

3. L-Istati Membri jistgħu jaħdmu ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, kliniki veterinarji u awtoritajiet lokali biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u għall-fini li jiffaċilitaw l-aċċess għall-programmi ta' sterilizzazzjoni u identifikazzjoni.

Emenda 204

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Minn [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu ***bażi*** tad-data ***għar-reġistrazzjoni tal-klieb*** u l-qtates ***b'mikroċippa***.	1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu ***bażijiet*** tad-data ***għall-klieb*** u l-qtates ***identifikati u rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 u l-Artikolu 21(4)***.

Emenda 205

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 ***ikunu interoperabbli mal-istess bażijiet tad-data ta' Stati Membri oħrajn*** sabiex l-identifikazzjoni ta' kelb jew qattus tkun tista' tiġi awtentikata u ttraċċata fl-Unjoni kollha.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tagħhom kif imsemmija fil-paragrafu 1 ***jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti mill-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3 biex jiżguraw l-interoperabbiltà tagħhom*** sabiex l-identifikazzjoni ta' kelb jew qattus tkun tista' tiġi awtentikata u ttraċċata fl-Unjoni kollha.

Emenda 206

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data tal-indiċi li jkun fiha n-numri ta' identifikazzjoni tal-mikroċipep tal-klieb u l-qtates

	u l-bażijiet tad-data nazzjonali fejn jinħażnu d-dettalji tal-identifikazzjoni, mingħajr aċċess għad-data personali. Il-Kummissjoni tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat ta' din il-bażi tad-data tal-indiċi lil entità indipendenti, wara proċess ta' għażla pubblika, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Emenda 316

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jistabbilixxu u jżommu bażi tad-data aċċessibbli għall-pubbliku ta' stabbilimenti ta' santwarji tal-annimali madwar l-Unjoni, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza u r-responsabbiltà fl-aderenza mal-liġi dwar il-benesseri tal-annimali.

Emenda 207

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-interoperabbiltà ***tagħhom*** bejn ***l-Istati*** Membri;	(b) l-interoperabbiltà bejn ***il-bażijiet tad-data tal-Istati*** Membri ***u l-bażi tad-data tal-indiċi***;

Emenda 208

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) L-interkonnessjoni bejn il-bażijiet tad-data tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe bażi tad-data rilevanti oħra, inkluża s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC).

Emenda 209

Proposta għal regolament
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20a
	Kampanji ta' informazzjoni nazzjonali li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni u l-protezzjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq
	1. L-Istati Membri huma mħeġġa, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, iniedu u jimplimentaw kampanji ta' informazzjoni nazzjonali li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-ħarsien u l-benesseri tal-klieb u l-qtates. Dawn il-kampanji għandu jkollhom fil-mira tagħhom kemm is-sidien tal-annimali kif ukoll il-pubbliku ġenerali sabiex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-obbligi legali u l-prattiki tajba fir-rigward tal-kura tal-annimali.
	2. Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jsiru

mill-awtoritajiet kompetenti f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-annimali, il-veterinarji u entitajiet rilevanti oħra. L-informazzjoni pprovduta trid tinkludi:

(a) L-obbligi legali tas-sidien tal-annimali tad-dar;

(b) Ir-responsabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-awtoritajiet lokali fl-immaniġġjar tal-annimali li jgħixu fit-triq, u azzjonijiet biex jiġi pprevenut l-abbandun;

(c) Il-passi rakkomandati li għandhom jittieħdu jekk persuna ssib annimal mitluf jew abbandunat, inkluż li tikkuntattja lis-servizzi veterinarji, is-santwarji tal-annimali jew il-pulizija lokali;

(d) L-importanza ta' adozzjoni u sterilizzazzjoni responsabbli biex titnaqqas il-popolazzjoni ta' annimali li jgħixu fit-toroq.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament nazzjonali jew reġjonali għal dawn il-kampanji u jistgħu jħeġġu lill-media tal-massa u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jipparteċipaw bil-għan li jkun hemm tixrid aħjar tal-informazzjoni.

4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħeġġeġ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

Emenda 210

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Miżuri għall-prevenzjoni tal-abbandun u l-promozzjoni tal-isterilizzazzjoni tal-klieb u l-qtates
	1. L-Istati Membri huma mħeġġa, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jadottaw miżuri konkreti biex jipprevjenu l-abbandun tal-klieb u l-qtates, inkluż billi jedukaw lill-pubbliku, jagħmlu lis-sidien responsabbli u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni eżistenti b'mod effettiv.
	2. Biex jitnaqqas l-għadd ta' annimali li jgħixu fit-triq, l-Istati Membri huma mħeġġa jidentifikaw u jużaw sorsi ta' finanzjament nazzjonali u privati għal:
	(a) Kampanji ta' sterilizzazzjoni bla ħlas jew issussidjati għall-klieb u l-qtates li jgħixu fit-triq u għall-annimali tad-dar li jappartjenu għal persuni b'introjtu baxx jew organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-annimali;
	(b) Programmi għar-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni ta' annimali tad-dar, inkluż permezz ta' mikroċippjar, biex jiffaċilitaw l-adozzjoni u r-ritorn tal-annimali mitlufa lis-sidien tagħhom u jipprevjenu l-abbandun;
	(c) Azzjonijiet biex tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni u biex il-popolazzjoni tiġi edukata dwar ir-responsabbiltà taż-żamma ta' annimal tad-dar u l-effetti negattivi tal-abbandun fuq il-

	benesseri tal-annimali u fuq il-komunità.
	3. L-Istati Membri jistgħu jaħdmu ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, kliniki veterinarji u awtoritajiet lokali biex jimplimentaw dawn il-miżuri u jiffaċilitaw l-aċċess tal-pubbliku għall-programmi ta' sterilizzazzjoni u identifikazzjoni.

Emenda 211

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Protezzjoni tad-data
	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu kontrolluri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali miġbura skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 7a u l-Artikolu 19(1) ta' dan ir-Regolament.
	Il-Kummissjoni għandha tkun kontrollur skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali miġbura skont l-Artikolu 17(6) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(4) ta' dan ir-Regolament.
	Għandu jkun ipprojbit għal kwalunkwe persuna li jkollha aċċess għad-data personali msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi li tiżvela kwalunkwe data personali, li l-għarfien tagħha jkun inkiseb fl-eżerċizzju tad-dmirijiet

tagħha jew b'xi mod ieħor inċidentalment għal tali eżerċizzju. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jindirizzaw il-ksur ta' dik il-projbizzjoni.

Id-data personali miġbura skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra għajr il-kontroll uffiċjali tal-konformità mar-rekwiżiti tal-benesseri u tat-traċċabbiltà skont dan ir-Regolament u l-identifikazzjoni ta' prattiki frawdolenti bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' miżuri ta' kontroll.

2. Dik id-data personali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinżamm għall-perjodi li ġejjin:

(a) fil-każ tal-Artikolu 7 u l-Artikolu 7a, 10 snin wara d-data tal-waqfien tal-attività tal-istabbiliment;

(b) fil-każ tal-Artikolu 19(1), 20 sena wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-kelb jew tal-qattus fil-bażi tad-data msemmija f'dak l-Artikolu jew 5 snin wara r-reġistrazzjoni tal-mewt tal-kelb jew tal-qattus f'dik il-bażi tad-data;

(c) fil-każ tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(4a), 5 snin wara d-data tan-notifika minn qabel.

Emenda 212

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** il-klieb u l-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss għat-tqegħid fis-suq ***tal-Unjoni jekk ikunu nżammu f'konformità ma' xi wieħed minn dawn*** li ġejjin:	1. Il-klieb u l-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss għat-tqegħid fis-suq ***dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet*** li ġejjin:

Emenda 213

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament;***	(a) ***ikunu trabbew u nżammu f'konformità ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:***

Emenda 214

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament;

Emenda 215

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kundizzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti ***b'dan*** ir-Regolament; jew	***(ii)*** il-kundizzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni ***f'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) 2017/625*** bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti ***fil-Kapitolu II ta' dan*** ir-Regolament; jew

Emenda 216

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn applikabbli, ir-rekwiżiti li jinsabu fi ftehim speċifiku bejn l-Unjoni u l-pajjiż esportatur.	***(iii)*** fejn applikabbli, ir-rekwiżiti li jinsabu fi ftehim speċifiku bejn l-Unjoni u l-pajjiż esportatur.

Emenda 217

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-klieb u l-qtates jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment dment li jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju u stabbiliment elenkat f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament (UE) 2017/625.	***(b) ikunu*** ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju u stabbiliment elenkat f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Emenda 218

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 snin], iċ-ċertifikat uffiċjali li jakkumpanja l-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi u territorji terzi għandu jkun fih attestazzjoni li tiċċertifika l-konformità ***mal-paragrafi 1 u li***	***2***. Iċ-ċertifikat uffiċjali ***msemmi fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625*** li jakkumpanja l-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi u territorji terzi ***li għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni,*** għandu jkun fih attestazzjoni li

tikkonferma li l-klieb u l-qtates joriġinaw minn stabbiliment elenkat f'konformità mal-paragrafu ***2***.	tiċċertifika l-konformità mal-paragrafu ***1 ta' dan l-Artikolu***.

Emenda 219

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2020/692[11], il-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati b'mikroċippa ***kif imsemmi*** fl-Artikolu ***17(1) u li tippermetti t-traċċabbiltà***.	***3***. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2020/692[11], il-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni ***li għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni,*** għandhom jiġu identifikati ***qabel id-dħul tagħhom minn veterinarju*** b'mikroċippa ***f'konformità mal-Anness II. L-importatur għandu jiżgura r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates minn veterinarju f'bażi tad-data nazzjonali, imsemmija*** fl-Artikolu ***19 fi żmien jumejn tax-xogħol wara d-dħul tagħhom fl-Unjoni***. ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu r-reġistrazzjoni minn persuni oħra li mhumiex veterinarji, dment li jkollhom miżuri fis-seħħ biex jiżguraw l-akkuratezza tal-informazzjoni mdaħħla fil-bażi tad-data.***
[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali,	[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali,

prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379.	prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379.

Emenda 306

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ***ladarba jaslu fil-post tad-destinazzjoni tagħhom,*** is-sid jew il-persuna responsabbli għall-annimal għandha ***tiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu f'wieħed mill-bażijiet tad-data tal-Istati*** Membri ***fi żmien 48 siegħa mill-wasla***.	F'każ li l-klieb jew il-qtates li jidħlu fl-Unjoni jkunu għadhom ma humiex irreġistrati f'bażi tad-data ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 19(1), ***dawn għandhom jiġu rreġistrati fil-bażi tad-data tal-Istat Membru tad-dħul minn veterinarju fil-fruntiera tal-Unjoni. Ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem*** is-sid jew il-persuna responsabbli għall-annimal ***u*** għandha ***tirreġistra l-istabbiliment tal-oriġini elenkat f'konformità mal-paragrafu 2. L-Istati*** Membri ***jistgħu jippermettu r-reġistrazzjoni minn persuni oħra għajr il-veterinarji, dment li ħadu miżuri biex jiżguraw l-akkuratezza tal-informazzjoni mdaħħla fil-bażi tad-data***.

Emenda 221

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Id-dħul ta' klieb u qtates fl-Unjoni fl-ambitu ta' moviment mhux kummerċjali, kif definit fil-punt 14 tal-Artikolu 4 tar-Regolament

(UE) 2016/429, għandu jiġi nnotifikat minn qabel mis-sidien tagħhom f'bażi tad-data online tal-Unjoni ta' annimali tad-dar li jivvjaġġaw mill-inqas ħamest ijiem tax-xogħol qabel il-qsim tal-fruntiera tal-Unjoni, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(a) klieb jew qtates li jidħlu fl-Unjoni direttament minn pajjiżi terzi elenkati f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013;

(b) klieb jew qtates irreġistrati f'bażi ta' data ta' Stat Membru msemmija fl-Artikolu 19(1). Is-sid għandu jinnotifika minn qabel l-identità tal-kelb jew tal-qattus u, fejn rilevanti, l-identità tal-persuna awtorizzata li tkun qed tivvjaġġa b'dak il-kelb jew il-qattus, in-numru ta' identifikazzjoni tal-mikroċippa tal-kelb jew tal-qattus, id-destinazzjoni ewlenija tiegħu fl-Unjoni, u fejn rilevanti, id-data u l-post tal-ħruġ ippjanati mill-Unjoni. Meta l-kelb jew il-qattus jibqa' aktar minn erba' xhur fl-Unjoni, is-sid għandu jiżgura r-reġistrazzjoni tiegħu fil-bażi tad-data tal-Istat Membru ta' residenza fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-iskadenza ta' dak ir-raba' xahar.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm il-bażi tad-data tal-Unjoni ta' annimali tad-dar li jivvjaġġaw kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, u tista' tafda l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat ta' din il-bażi tad-data lil entità indipendenti, wara

	proċess ta' għażla pubblika, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. L-aċċess għal din il-bażi tad-data għandu jkun ristrett għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Emenda 222

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi proċedura għar-rikonoxximent mill-Unjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti skont il-paragrafu 1, il-punt (b). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.	***imħassar***

Emenda 223

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw l-Annessi ta' dan ir-Regolament biex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, inklużi, meta rilevanti, opinjonijiet xjentifiċi ***tal-EFSA***, u ta' impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, fir-rigward:	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw l-Annessi ta' dan ir-Regolament biex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, inklużi, meta rilevanti, opinjonijiet xjentifiċi ***tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***, u ta' impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, fir-rigward:

Emenda 224

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***tal-frekwenzi*** tat-tmigħ u l-proċess tal-ftim;	(a) ***tar-rekwiżiti tat-tisqija u*** tat-tmigħ u l-proċess tal-ftim;

Emenda 225

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***tal-parametri*** tat-tidwil;	(c) ***tar-rekwiżiti*** tat-tidwil;

Emenda 226

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) tal-età minima tal-klieb u l-qtates femminili ***għall-bidu tat-tnissil***;	(h) tal-età minima ***u massima*** tal-klieb u l-qtates femminili ***għat-tnissil***;

Emenda 227

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) tar-rekwiżiti għat-transponders użati biex jiġu ***mmarkati l-klieb*** u l-qtates;	(j) tar-rekwiżiti għat-transponders użati biex jiġu ***identifikati individwalment il-klieb*** u l-qtates;

Emenda 228

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ***tal-adozzjoni*** ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu ***6(4)***, fl-Artikolu ***10(2)*** u fl-Artikolu 22 għandha ***tiġi mogħtija*** lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [***data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	2. Is-setgħa ***ta' adozzjoni*** ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu ***6(2b)***, fl-Artikolu ***6a(3)*** u fl-Artikolu 22 għandha ***tingħata*** lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [***id-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 229

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega ***tas-setgħa*** msemmija fl-Artikolu ***6(4)***, l-Artikolu ***10(2)*** u l-Artikolu 22 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ***ħin*** mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***tas-setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. ***Din*** għandha ssir effettiva ***l-għada tal-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma ***għandhiex*** taffettwa l-validità ***ta' kwalunkwe*** att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega ***ta' setgħa*** msemmija fl-Artikolu ***6(2b)***, l-Artikolu ***6a(3)*** u l-Artikolu 22 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***ta' setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva ***fil-jum wara l-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma ***għandha*** taffettwa l-validità ***tal-ebda*** att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 230

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-	6. Att delegat adottat skont l-

Artikolu ***6(4)***, l-Artikolu ***10(2)*** u l-Artikolu 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ***se*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	Artikolu ***6(2b)***, l-Artikolu ***6a(3)*** u l-Artikolu 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ***sejrin*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 231

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates ***u fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Qabel ***[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament],*** l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.	1. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu ***jew jadottaw*** regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates***, u għat-traċċabbiltà tagħhom***, dment li dawk ir-regoli ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.L.-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.

Emenda 232

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti mmirati biex jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-benesseri tal-klieb u l-qtates miżmuma fi stabbilimenti fit-territorju ta' Stat Membru dwar il-kwistjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-kundizzjonijiet tal-abitazzjoni;	
(b) il-mutilazzjonijiet;	
(c) l-arrikkiment;	
(d) il-programmi tal-għażla u tat-tnissil, inkluża l-età minima u massima għat-tnissil.	
L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-regoli nazzjonali qabel l-adozzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn dwar dawn.	

Emenda 233

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu permessi biss dment li ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq	***imħassar***

intern.

Emenda 234

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom ta' klieb u qtates miżmuma fi Stat Membru ieħor minħabba li l-klieb u l-qtates ikkonċernati ma jkunux inżammu f'konformità mar-regoli nazzjonali aktar stretti tagħhom dwar il-benesseri tal-annimali.	4. L-Istati Membri ***li għandhom regoli nazzjonali aktar stretti msemmija fil-paragrafu 1*** ma għandhomx jipprojbixxu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom ta' klieb u qtates miżmuma fi Stat Membru ieħor minħabba li l-klieb u l-qtates ikkonċernati ma jkunux inżammu f'konformità mar-regoli nazzjonali aktar stretti tagħhom dwar il-benesseri tal-annimali.

Emenda 235

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Abbażi tar-rapporti riċevuti f'konformità mal-Artikolu 20 u informazzjoni rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa [7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn dakinhar kull 5 snin, rapport ta' monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq fl-Unjoni.	1. Abbażi tar-rapporti riċevuti f'konformità mal-Artikolu 20 u informazzjoni rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa [7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u minn dakinhar kull 5 snin, rapport ta' monitoraġġ dwar il-benesseri tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq fl-Unjoni. ***Ir-rapport ta' monitoraġġ għandu jivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, l-impatt soċjoekonomiku u l-valur miżjud tal-UE ta' dan ir-Regolament fl-ilħuq tal-***

	objettivi tiegħu. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta:

Emenda 236

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) il-punt sa fejn dan ir-Regolament ikkontribwixxa għall-iżgurar ta' livell għoli ta' benesseri għall-klieb u l-qtates, għat-titjib tat-traċċabbiltà, għat-tnaqqis tal-kummerċ illegali u għall-indirizzar tal-problemi assoċjati ma' prattiki ta' tnissil inumani, inklużi l-hekk imsejħa "fabbriki tal-ġriewi";

Emenda 237

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jibqax adegwat għall-iskop, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tas-suq, il-progress xjentifiku u teknoloġiku u kunsiderazzjonijiet rigward il-benesseri tal-annimali; u jekk l-aspettattivi attwali jibqgħux xierqa u suffiċjenti fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi;

Emenda 238

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) jekk il-progress xjentifiku u teknoloġiku seħħx, inkluż l-iżvilupp ta' mezzi ġodda ta' identifikazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-affidabbiltà teknika, il-kosteffettività u l-invażività għall-annimal ta' dawn il-mezzi;

Emenda 239

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq in-nissiela, is-santwarji, il-foster homes u operaturi oħra, inklużi l-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità;

Emenda 240

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) il-livell ta' infurzar u konformità miksub mill-Istati Membri, u l-effettività tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-iskambju tad-data u l-mekkaniżmi ta' traċċabbiltà;

Emenda 241

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(f) il-fattibbiltà, il-kostijiet u l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' passaport diġitali għall-klieb u l-qtates li jista' jkun fih informazzjoni dwar l-identifikazzjoni, l-istatus tat-tilqim u l-istorja medika tal-annimal;

Emenda 242

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(g) il-fattibbiltà, l-impatt u l-proporzjonalità tal-estensjoni tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni obbligatorji għall-klieb u l-qtates kollha, inklużi dawk miżmuma mis-sidien privati;

Emenda 243

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sa sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà tar-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates, f'konformità mal-Artikolu 21(3), mad-dħul tagħhom fl-Unjoni, u għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Emenda 244

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [***15-il*** sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.	2. Sa ... [***12-il*** sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil ta' klieb u qtates, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Emenda 301

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sa ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha:
	(a) twettaq evalwazzjoni u rieżami ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta' età massima possibbli għat-tnissil tal-klieb u tal-qtates;
	(b) twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-annimali li jgħixu fit-triq;
	(c) tistabbilixxi lista ta' speċijiet ta' annimali li jistgħu jinżammu u jitqiegħdu fis-suq, meta valutazzjoni tal-impatt

	preċedenti tkun uriet il-valur miżjud u l-fattibbiltà tagħha;
	(d) tivvaluta l-estensjoni potenzjali tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jinkludi annimali oħra billi jiġi emendat dan ir-Regolament;
	(e) tivvaluta l-possibbiltà li jintużaw mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni li jkunu inqas invażivi mill-impjantazzjoni ta' transponder; u
	(f) tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-punti (a) sa (e) lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Emenda 245

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament***, kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-abbandun ta' annimali tad-dar,*** u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 246

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom

	jiżguraw li l-livell tal-penali finanzjarji imposti għal ksur ta' dan ir-Regolament u tar-regoli msemmija fl-Artikolu 2(1), li jinvolvi frodi jew qerq, jirriflettu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mill-inqas il-vantaġġ ekonomiku għall-operatur jew, meta jkun xieraq, persentaġġ tal-fatturat tal-operatur u jkunu għolja biżżejjed biex ikollhom effett ta' deterrent. F'każijiet meta l-ksur tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ikun serju u ripetut, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali jinkludu projbizzjoni fuq ix-xogħol mal-annimali u s-sjieda tagħhom.

Emenda 279

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jitqies il-piż amministrattiv tas-santwarji tal-annimali u l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-klieb u tal-qtates li jgħixu fit-triq, flimkien mar-restrizzjonijiet ekonomiċi eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jesploraw il-kapaċitajiet ta' simplifikazzjoni tar-riżorsi rkuprati mill-ksur ta' dan ir-Regolament biex jappoġġaw u jkopru l-kostijiet amministrattivi u operazzjonali tas-santwarji u tal-organizzazzjonijiet responsabbli għall-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-klieb

jew tal-qtates li jgħixu fit-triq.

Emenda 247

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika minn [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan*** ir-Regolament.	Għandu japplika minn [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***ħlief:***
	(i) l-Artikolu 13 minn 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
	(ii) l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 19(1) minn 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
	(iii) l-Artikolu 12, l-Artikolu 17(4) u (6), l-Artikolu 19(2) u (2a), u l-Artikolu 21(1) sa (4a) minn 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
	(iv) l-Artikolu 7a minn 6 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; u
	(v) l-Artikolu 17(1) sa (3) - fir-rigward tal-klieb minn 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament - fir-rigward tal-qtates minn 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda 248

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tmigħ	1. Tmigħ ***u tisqija***

Emenda 249

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. ***L-operatur għandu jimplimenta l-frekwenzi tat-tmigħ li ġejjin:***	1.1. ***Il-klieb u l-qtates għandhom jingħalfu mill-inqas darbtejn kuljum. Il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates għandhom jingħalfu aktar ta' spiss.*** ***Dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti tat-tnissil fejn klieb li jieħdu ħsieb il-bhejjem jinżammu matul il-perjodi meta tali klieb jintużaw għal skopijiet ta' ragħa.***

Emenda 250

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-qtates u l-klieb adulti għandhom jintemgħu darbtejn kuljum;	***imħassar***

Emenda 252

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-ġriewi taħt it-8 ġimgħat għandhom jintemgħu mill-inqas ħames darbiet	***imħassar***

kuljum;

Emenda 253

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-frieħ tal-qtates taħt it-12-il ġimgħa għandhom jintemgħu mill-inqas erba' darbiet kuljum.	***imħassar***

Emenda 254

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. Kull ġeru jew ferħ ta' qattus ***tat-twelid*** għandhom jintemgħu bil-kolostru ***ta' ommhom fl-ewwel*** jumejn ta' ħajjithom.	1.2. Kull ġeru jew ferħ ta' qattus għandhom jintemgħu bil-kolostru ***matul mill-inqas l-ewwel*** jumejn ta' ħajjithom ***u wara b'ħalib minn ommhom jew minn kelba jew qattusa li jkunu qed ireddgħu. Jekk dan ma jkunx possibbli, għaliex l-omm tkun marida jew ma tkunx tista' titma' lill-ġriewi jew lill-frieħ tagħha jew il-ħalib ma jkunx biżżejjed, il-ġriewi jew il-frieħ tal-qtates għandhom jintemgħu sostitut tal-ħalib iddisinjat għall-ġriewi u l-frieħ tal-qtates bil-frekwenza ta' tagħlif indikata fl-istruzzjonijiet tal-produttur tas-sostitut jew minn veterinarju.***

Emenda 255

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.3. Jekk ommhom tkun marida jew inkella ma tkunx tista' titma' lil uliedha, l-operatur għandu jipprovdi ħalib minn klieb u qtates femminili oħra fl-istess azjenda u formuli supplimentari tal-ħalib maħsuba għall-ġriewi u għall-frieħ tal-qtates bil-frekwenza tat-tmigħ skont l-istruzzjonijiet tal-produttur tal-ikel tal-annimali jew ta' veterinarju, sakemm il-ftim jitlesta.	***imħassar***

Emenda 256

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.4. ***L-operatur għandu jiżgura li l-ġriewi*** u l-frieħ tal-qtates mhux miftuma kollha ***jkunu qed*** jingħataw biżżejjed ħalib biex itellgħu l-piż tal-ġisem b'mod kostanti.	1.4. ***Il-ġriewi*** u l-frieħ tal-qtates mhux miftuma kollha ***għandhom*** jingħataw biżżejjed ħalib***, sostitut tal-ħalib jew taħlita tagħhom*** biex itellgħu l-piż tal-ġisem b'mod kostanti.

Emenda 257

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) 10 sa 26 °C fiż-żoni fuq ġewwa fejn jinżammu l-klieb adulti;	***imħassar***

Emenda 258

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) 15 sa 26 °C fiż-żoni fuq ġewwa fejn jinżammu l-qtates adulti;	***imħassar***

Emenda 259

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.1. ***Meta jkun applikabbli, it-tidwil artifiċjali għandu jiġi pprovdut għal perjodu li jkun*** mill-inqas ***ekwivalenti għall-perjodu ta' dawl naturali li normalment ikun disponibbli bejn d-9 ta' filgħodu u l-5 ta' waranofsinhar***.	2.2.1. ***Il-klieb u l-qtates għandhom ikunu esposti għad-dawl għal*** mill-inqas ***7 sigħat kuljum***.

Emenda 260

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.2. Id-dawl artifiċjali għandu jkollu spettru wiesa' jew spettru sħiħ.	2.2.2. Id-dawl artifiċjali għandu jkollu spettru wiesa' jew spettru sħiħ ***bi frekwenza ta' mill-inqas 80 Hertz***.

Emenda 261

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.3. L-illuminament għandu jkun mill-inqas 50 lux	***imħassar***

fl-għoli ta' ras l-annimal.

Emenda 262

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.4. ***L-annimali*** għandu jkollhom il-possibbiltà li ***joqogħdu fid-dlam*** għal mill-inqas 8 sigħat kuljum.	2.2.4. ***Il-klieb u l-qtates*** għandu jkollhom il-possibbiltà li ***ma jkollhomx dawl artifiċjali*** għal mill-inqas 8 sigħat kuljum.

Emenda 263

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2.2 a. Il-klieb għandu jkollhom aċċess għal żona fuq barra jew għandhom jittieħdu għal mixja kuljum għal mhux inqas minn siegħa kuljum b'kollox, għandhom ikunu jistgħu jagħmlu eżerċizzju, jesploraw u jissoċjalizzaw.

Emenda 264

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.3 – punt 2.3.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3.3. Jekk il-kompartimenti fil-magħluq ikunu okkupati minn iktar minn kelb jew qattus wieħed, l-operaturi jridu jiżguraw, billi jieħdu miżuri speċifiċi (eż. pannelli ta' separazzjoni), li dawn l-annimali ma jkunux ta' theddida għal xulxin minħabba mġiba aggressiva.	2.3.3. Jekk il-kompartimenti fil-magħluq ikunu okkupati minn iktar minn kelb jew qattus wieħed, l-operaturi jridu jiżguraw, billi jieħdu miżuri speċifiċi (eż. pannelli ta' separazzjoni), li dawn l-annimali ma jkunux ta' theddida għal xulxin minħabba mġiba aggressiva.

	L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mir-rekwiżiti ta' allokazzjonijiet ta' spazju minimu stabbiliti fil-paragrafu 2.3.1 għall-klieb tal-kaċċa mdorrija jgħixu fi gruppi.

Emenda 265

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.2. Il-klieb femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss ***jekk ikunu għalqu mill-inqas 18-il xahar***;	3.2. Il-klieb femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss ***mit-tieni estru tagħhom***.

Emenda 266

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.3. ***L-operaturi għandhom jippermettu li kull*** kelba ***jkollha sa tliet ġriewi u kull*** qattusa ***jkollha sa tliet frieħ fi żmien*** sentejn.	3.3. Kelba ***jew*** qattusa ***ma għandux ikollha aktar minn tlett ibtan f'perjodu ta'*** sentejn.

Emenda 267

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.4. ***Wara li l-klieb u l-qtates ikollhom tliet tqaliet konsekuttivi li jwasslu għal ġriewi u għal frieħ fi żmien*** sentejn, ***l-operaturi għandhom jiżguraw*** perjodu ta' rkupru ***billi għal perjodu*** ta' mill-inqas sena	3.4. ***Għall-klieb u l-qtates li kellhom tlett ibtan, inklużi dawk li jitwieldu mejta, f'perjodu ta'*** sentejn, ***għandu jkun hemm*** perjodu ta' rkupru ta' mill-inqas sena.

***jipprevjenu li l-klieb u l-qtates femminili jittaqqlu**.*

Emenda 268

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3.4a. Kwalunkwe kelba jew qattusa li tkun għaddiet minn żewġ operazzjonijiet ċesarji ma għandhiex tibqa' tintuża għat-tnissil.

Emenda 269

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt 3.4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3.4b. Qabel ma' kwalunkwe kelba ta' 8 snin jew aktar u kwalunkwe qattusa ta' 6 snin jew aktar tintuża għat-tnissil, jeħtieġ li jkun sarilha eżami fiżiku minn veterinarju li jikkonferma bil-miktub li, fil-mument tal-eżami, ma jkunx hemm kontraindikazzjonijiet għat-tqala. L-operatur għandu jżomm il-konferma bil-miktub imsemmija għal perjodu ta' mill-inqas 3 snin.

Emenda 270

Proposta għal regolament
Anness I – punt 4 – punt 4.1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) iż-żoni fejn jinżammu l-qtates u l-klieb ikunu mgħammra	(c) iż-żoni fejn jinżammu l-qtates u l-klieb ikunu mgħammra

bi strutturi ta’ arrikkiment u b’oġġetti aċċessibbli għall-annimali kollha, sabiex jipprovdu ambjent stimulanti, u jnaqqsu l-frustrazzjoni tal-annimali;	bi strutturi ta’ arrikkiment u b’oġġetti aċċessibbli għall-annimali kollha, sabiex jipprovdu ambjent stimulanti, u ***jekk possibbli, strutturi biex jitilgħu magħhom u jistaħbew,*** ***u*** jnaqqsu l-frustrazzjoni tal-annimali;

Emenda 271

Proposta għal regolament
Anness II – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-transponders li jintużaw ***għall-immarkar tal-qtates u l-klieb*** kif meħtieġ fl-Artikolu ***16*** għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:	It-transponders li jintużaw ***għall-identifikazzjoni individwali tal-klieb u l-qtates*** kif meħtieġ fl-Artikolu ***17 u l-Artikolu 21*** għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

Emenda 272

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-għadd ta’ klieb u qtates ***mikroċippjati*** kull sena kif imsemmi fl-Artikolu 17;	1. L-għadd ta’ klieb u qtates ***rreġistrati*** kull sena kif imsemmi fl-Artikolu 17 ***u l-Artikolu 21(4)***;

Emenda 273

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-għadd ta’ stabbilimenti rreġistrati kull sena f’konformità mal-Artikolu 7;

Emenda 274

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għadd ta’ stabbilimenti tat-tnissil approvati kull sena kif imsemmi fl-Artikolu ***16***.	2. L-għadd ta’ stabbilimenti tat-tnissil approvati kull sena kif imsemmi fl-Artikolu ***7a***.

Emenda 275

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-għadd ta’ stabbilimenti tat-tnissil u tal-bejgħ li l-approvazzjoni tagħhom tkun ġiet sospiża jew irtirata kull sena.